Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0155(COD)

30.5.2023

EMENDI
545 - 953

Abbozz ta' rapport
Javier Zarzalejos
(PE746.811v01-00)

L-istabbiliment ta' regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan

Proposta għal regolament
(COM(2022)0209 – C9-0174/2022 – 2022/0155(COD))

Emenda 545
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "***servizz*** ta' komunikazzjoni interpersonali***" tfisser servizz disponibbli pubblikament*** kif definit fl-Artikolu 2, il-punt ***5***, tad-Direttiva (UE) 2018/1972***, inklużi servizzi li jippermettu skambju dirett interpersonali u interattiv ta' informazzjoni sempliċiment bħala karatteristika anċillari minuri li hija intrinsikament marbuta ma' servizz ieħor***;	(b) "***servizzi*** ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** kif definit fl-Artikolu 2, il-punt ***7***, tad-Direttiva (UE) 2018/1972

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda Orizzontali

Emenda 546
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "servizz ta' komunikazzjoni interpersonali" tfisser servizz disponibbli pubblikament kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 5, tad-Direttiva (UE) 2018/1972***, inklużi servizzi li jippermettu skambju dirett interpersonali u interattiv ta' informazzjoni sempliċiment bħala karatteristika anċillari minuri li hija intrinsikament marbuta ma' servizz ieħor***;	(b) "servizz ta' komunikazzjoni interpersonali" tfisser servizz disponibbli pubblikament kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 5, tad-Direttiva (UE) 2018/1972;

Or. en

Emenda 547
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "servizz ta' komunikazzjoni interpersonali" tfisser servizz disponibbli pubblikament kif definit fl-Artikolu 2, il-punt ***5***, tad-Direttiva (UE) 2018/1972, inklużi servizzi li jippermettu skambju dirett interpersonali u interattiv ta' informazzjoni sempliċiment bħala karatteristika anċillari minuri li hija intrinsikament marbuta ma' servizz ieħor;	(b) "servizz ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri***" tfisser servizz disponibbli pubblikament kif definit fl-Artikolu 2, il-punt *7*, tad-Direttiva (UE) 2018/1972, inklużi servizzi li jippermettu skambju dirett interpersonali u interattiv ta' informazzjoni sempliċiment bħala karatteristika anċillari minuri li hija intrinsikament marbuta ma' servizz ieħor;

Or. en

Emenda 548
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) "servizz ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri fil-loġħob" tfisser kwalunkwe servizz definit fil-punt 7 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 li huwa parti minn loġħba;

Or. en

Emenda 549
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) "servizz ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri" tfisser servizz disponibbli għall-pubbliku kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 7 tad-Direttiva (UE) 2018/1972;

Or. en

Emenda 550
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software" tfisser servizz kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 12, tar-Regolament (UE) …/…[dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)];	***imħassar***

Or. en

Emenda 551
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software" tfisser servizz kif definit fl-	***imħassar***

Artikolu 2, il-punt 12, tar-Regolament (UE) …/…[dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)];

Or. en

Emenda 552
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) "servizz ta' aċċess għall-internet" tfisser servizz kif definit fl-Artikolu 2(2), il-punt 2, tar-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49];	***imħassar***

[49] Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1–18).

Or. en

Emenda 553
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) "servizz ta' aċċess għall-internet" tfisser servizz kif definit fl-Artikolu 2(2), il-punt 2, tar-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49];	***imħassar***

[49] Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1–18).

Or. en

Emenda 554
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) "sistema tal-intelliġenza artifiċjali" tfisser software kif definit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) …/… [li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali);

Or. en

Emenda 555
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) "magna tat-tiftix online" tfisser servizz intermedjarju kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2022/2065;

Or. en

Emenda 556
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) "servizz intermedjarju" tfisser servizz kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2022/2065;

Or. en

Emenda 557
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Maite Pagazaurtundúa, Olivier Chastel, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) "sistema ta' intelliġenza artifiċjali" (sistema tal-IA) tfisser software kif definit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) .../... dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali);

Or. en

Emenda 558

Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) servizz ta' komunikazzjoni interpersonali;	(ii) servizz ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri disponibbli għall-pubbliku***;

Or. en

Emenda 559
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) servizz ta' komunikazzjoni interpersonali;	(ii) servizz ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri***;

Or. en

Emenda 560
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) servizz ta' komunikazzjoni interpersonali;	(ii) servizz ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri***;

Or. en

Emenda 561
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) ***servizz*** ta' komunikazzjoni interpersonali;	(ii) ***servizzi*** ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri***;

Or. en

Emenda 562
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software;	***imħassar***

Or. en

Emenda 563
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software;	***imħassar***

Or. en

Emenda 564
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov

f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software;	***imħassar***

Or. en

Emenda 565
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software;	***imħassar***

Or. en

Emenda 566
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) logħob online;

Or. en

Emenda 567
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) servizz ta' aċċess għall-internet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 568
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt iv (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iva) sistema tal-intelliġenza artifiċjali.

Or. en

Emenda 569
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt iv (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iva) magna tat-tiftix online;

Or. en

Emenda 570
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt ivb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ivb) sistema tal-intelliġenza artifiċjali.

Or. en

Emenda 571
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) (ha) "hotline" tfisser organizzazzjoni li tipprovdi mekkaniżmu, għajr il-mezzi ta' rapportar ipprovduti mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, biex tirċievi rapport anonimu mill-pubbliku dwar l-allegat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online, li huwa rikonoxxut uffiċjalment mill-Istat Membru ta' stabbiliment kif espress fid-Direttiva 2011/93/UE u l-istatut ta' assoċjazzjoni tiegħu jsemmi l-missjoni tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 572
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt hb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(hb) "helpline" tfisser organizzazzjoni li tipprovdi servizzi għat-tfal fil-bżonn kif rikonoxxuti mill-Istat Membru ta' stabbiliment f'konformità mad-Direttiva 2011/93/UE;

Or. en

Emenda 573
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) "tfal" tfisser kull persuna taħt l-età ta' 18-il sena;	(i) "tfal" tfisser kull persuna taħt l-età ***tal-kunsens kif irregolata fl-Istati Membri rispettivi, iżda mill-inqas taħt l-età*** ta' 18-il sena;

Or. en

Emenda 574
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) "adult" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li għandha aktar minn 18-il sena;

Or. en

Emenda 575
Vincenzo Sofo, Cristian Terheş, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu persuni fiżiċi taħt is-17-il sena;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ambigwità li tirriżulta mill-konfużjoni kunċettwali bejn "tfal" u "utenti tfal" hija problematika speċjalment peress li hija relatata mal-impożizzjoni ta' limiti tal-età għall-apps ta' messaġġi, u għandha rilevanza għaliha.

Emenda 576
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu persuni fiżiċi taħt is-17-il sena;	***imħassar***

Or. en

Emenda 577
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu persuni fiżiċi taħt is-17-il sena;	***imħassar***

Or. en

Emenda 578
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu persuni fiżiċi taħt is-17-il sena;	***imħassar***

Or. en

Emenda 579
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu persuni fiżiċi taħt ***is-17-il*** sena;	(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu persuni fiżiċi taħt ***l-età tal-kunsens kif irregolat fl-Istati Membri rispettivi, iżda mill-inqas taħt l-età ta' 17-il*** sena;

Or. en

Emenda 580
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu ***persuni fiżiċi taħt is-17-il sena***;	(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu ***tfal***;

Or. en

Emenda 581
Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu persuni fiżiċi taħt ***is-17-il*** sena;	(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu persuni fiżiċi taħt ***it-18-il*** sena;

Or. en

Emenda 582
Fabienne Keller, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu persuni fiżiċi taħt ***is-17-il*** sena;	(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu persuni fiżiċi taħt ***it-18-il*** sena;

Or. en

Emenda 583
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) "utent adult" tfisser persuna fiżika li tuża servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li hija persuna fiżika li

għandha aktar minn 18-il sena;

Or. en

Emenda 584
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) "materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal" tfisser materjal li ***jikkostitwixxi pornografija tat-tfal jew prestazzjoni pronografika*** kif definiti fl-Artikolu 2, il-punti (c) u (e), rispettivament, tad-Direttiva 2011/93/UE;	(l) "materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal" tfisser ***kwalunkwe*** materjal li ***iżwalment juri tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita reali jew simulata jew kwalunkwe rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali jew kwalunkwe materjal li iżwalment juri kwalunkwe persuna li tidher li hija minuri involuti f'imġiba sesswalment espliċita reali jew simulata jew kwalunkwe rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' kwalunkwe persuna li tidher li hija minuri, primarjament għal finijiet sesswali; jew immaġnijiet realistiċi ta' tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita jew immaġnijiet realistiċi tal-organi sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali; jew wirja diretta mmirata lejn udjenza, inkluż permezz ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta' tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita reali jew simulata; jew ir-rappreżentazzjoni ta' organi sesswali ta' tfal għal skopijiet primarjament sesswali*** kif definiti fl-Artikolu 2, il-punti (c) u (e), rispettivament, tad-Direttiva 2011/93/UE;

Or. en

Emenda 585
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) "materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal" tfisser materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal potenzjali identifikat ***bl-użu tal-indikaturi li jinsabu fil-bażi tad-data tal-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 44(1), il-punt (a)***;	(m) "materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal" tfisser materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal potenzjali identifikat;

Or. en

Emenda 586
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) "materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal" tfisser materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal potenzjali identifikat bl-użu tal-indikaturi li jinsabu fil-bażi tad-data tal-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 44(1), il-punt (b);	***imħassar***

Or. en

Emenda 587
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) "materjal ġdid ta' abbuż sesswali	***imħassar***

tat-tfal" tfisser materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal potenzjali identifikat bl-użu tal-indikaturi li jinsabu fil-bażi tad-data tal-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 44(1), il-punt (b);

Or. en

Emenda 588
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) "sollečitazzjoni tat-tfal" tfisser is-sollečitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/93/UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 589
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) "abbuż sesswali tat-tfal online" tfisser id-disseminazzjoni online ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u s-sollečitazzjoni online tat-tfal;	(p) "abbuż sesswali tat-tfal online" tfisser id-disseminazzjoni online ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u s-sollečitazzjoni online tat-tfal***, inkluż l-esponiment tat-tfal għal kontenut pornografiku online***;

Or. en

Emenda 590
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) "abbuż sesswali tat-tfal online" tfisser id-disseminazzjoni online ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u s-sollečitazzjoni online tat-tfal;	(p) "abbuż sesswali tat-tfal online" tfisser id-disseminazzjoni online ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***inkluż materjal awtoġenerat disseminat mingħajr kunsens*** u s-sollečitazzjoni online tat-tfal;

Or. en

Emenda 591
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) "abbuż sesswali tat-tfal online" tfisser id-disseminazzjoni online ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***u s-sollečitazzjoni online tat-tfal***;	(p) "abbuż sesswali tat-tfal online" tfisser id-disseminazzjoni online ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 592
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) "reati ta' abbuż sesswali tat-tfal" tfisser reati kif definiti fl-Artikoli 3 sa 7 tad-Direttiva 2011/93/UE;	(q) "reati ta' abbuż sesswali tat-tfal" tfisser reati kif definiti fl-Artikoli 3 sa 7 tad-Direttiva 2011/93/UE***, u, għall-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, testendi r-reat imsemmi fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 tal-istess direttiva, għax-xhieda ta' attivitajiet sesswali online, anke mingħajr ma jkun hemm għalfejn jipparteċipaw***;

Or. en

Emenda 593
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt qa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(qa) (q a) "vittma" tfisser persuna li tirrisjedi fl-Unjoni Ewropea li għandha inqas minn 18-il sena u sofriet reati ta' abbuż sesswali tat-tfal. Għall-fini tal-eżerċitar tad-drittijiet tal-vittma rikonoxxuti f'dan ir-Regolament, il-ġenituri u t-tuturi, kif ukoll kwalunkwe persuna li kienet taħt it-18-il sena fiż-żmien meta sar il-materjal, li l-materjal tagħha ġie ospitat jew disseminat fl-Unjoni Ewropea, għandhom jitqiesu bħala vittmi;

Or. en

Emenda 594
Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Abir Al-Sahlani, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt qa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(qa) "persuna suspettata li hija involuta f'abbuż sesswali tat-tfal" tfisser persuna individwali identifikata li teżisti evidenza adegwata verifikabbli fil-konfront tagħha, li tagħti lok għas-suspett li dik il-persuna wettqet reat ta' abbuż sesswali tat-tfal, ippruvat twettaq reat ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew ippreparata billi wettqet reat kriminali biex twettaq reat ta' abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 595
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt qa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(qa) "superstiti tfal" tfisser persuna kif definita fl-Artikolu 2(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2011/93/UE li għandha inqas minn 18-il sena u li ġarrbet reati ta' abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 596
Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Abir Al-Sahlani, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt qb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(qb) "persuna skwalifikata milli teżerċita attivitajiet li jinvolvu t-tfal" tfisser persuna individwali identifikata, li, f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2011/93/UE, hija temporanjament jew permanentement skwalifikata milli teżerċita attivitajiet li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal;

Or. en

Emenda 597
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt qb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(qb) "superstiti" tfisser persuna kif definita fl-Artikolu 2(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2011/93/UE li tkun sofriet reati ta' abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 598
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) "data dwar il-kontenut" tfisser data kif definita fl-Artikolu 2, il-punt 10, tar-Regolament (UE) … [dwar l-Ordnijiet Ewropej ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni għal evidenza elettronika f'materji kriminali (…/… ir-Regolament dwar l-evidenza elettronika)];	***imħassar***

Or. en

Emenda 599
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) "data dwar il-kontenut" tfisser ***data kif definita fl-Artikolu 2, il-punt 10, tar-Regolament (UE) … [dwar l-Ordnijiet Ewropej ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni għal evidenza elettronika f'materji kriminali (…/… ir-Regolament dwar l-evidenza elettronika)]***;	(s) "data dwar il-kontenut" tfisser ***vidjos u immaġnijiet f'format diġitali***;

Or. en

Emenda 600
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) "data dwar il-kontenut" tfisser ***data kif definita fl-Artikolu 2, il-punt 10, tar-Regolament (UE) … [dwar l-Ordnijiet Ewropej ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni għal evidenza elettronika f'materji kriminali (…/… ir-Regolament dwar l-evidenza elettronika)]***;	(s) "data dwar il-kontenut" tfisser ***vidjos u immaġnijiet f'format diġitali***;

Or. en

Emenda 601
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(w) "sede prinċipali" tfisser ***l-uffiċċju prinċipali jew*** l-uffiċċju ***reġistrat*** tal-fornitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li fih jiġu eżerċitati l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll operazzjonali.	(w) "sede prinċipali" tfisser l-uffiċċju tal-fornitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li fih jiġu eżerċitati l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll operazzjonali.

Or. en

Emenda 602
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(wa) "hotline" tfisser organizzazzjoni li tipprovdi mekkaniżmu, għajr il-mezzi ta' rapportar ipprovduti mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, biex tirċievi lmenti anonimi mill-pubbliku dwar l-allegat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online, li jissodisfa l-kriterji li ġejjin: (a) huwa rikonoxxut uffiċjalment mill-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu kif espress fid-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; (b) għandu l-missjoni li jiġġieled il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fl-istatut ta' assoċjazzjoni tiegħu; u (c) huwa parti minn network internazzjonali rikonoxxut u stabbilit sew;

Or. en

Emenda 603
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(wa) "hotline" tfisser organizzazzjoni li tipprovdi mekkaniżmu, għajr il-mezzi ta' rapportar ipprovduti mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, li tirċievi informazzjoni anonima mingħand il-pubbliku dwar materjal potenzjali ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online, li hija rikonoxxuta uffiċjalment mill-Istat Membru ta' domiċilju tagħha kif espress fid-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li għandha l-missjoni li tiġġieled il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha;

Or. en

Emenda 604
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(wa) "vittma" tfisser minorenni li jkun sofra reati ta' abbużi sesswali tat-tfal inkluż it-tixrid mhux konsenswali ta' materjal awtoġenerat. Għall-fini tal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vittmi elenkati f'dan ir-Regolament, ir-rappreżentanti legali għandhom jitqiesu bħala vittmi.

Or. en

Emenda 605
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(wa) "hotline" tfisser organizzazzjoni rikonoxxuta uffiċjalment minn Stat Membru, għajr il-kanali ta' rapportar ipprovduti mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, biex tirċievi lmenti anonimi mill-vittmi u mill-pubbliku dwar allegat abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 606
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(wa) "magna tat-tiftix online" tfisser servizz intermedjarju kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2022/2065;

Or. en

Emenda 607
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(wb) "hotline" tfisser organizzazzjoni rikonoxxuta mill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha, li tipprovdi jew kanal ta' rapportar ipprovdut mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, jew servizz biex jintlaqgħu lmenti anonimi mill-vittmi u mill-pubbliku dwar allegat abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Emenda 608
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski, Tiemo Wölken, Marina Kaljurand

Proposta għal regolament
Artikolu -3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Artikolu-3
	Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-kunfidenzjalità fil-komunikazzjonijiet
	1. Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jipprojbixxi, idgħajjef jew jimmina l-kriptaġġ minn tarf sa tarf, jipprojbixxi lill-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-

informazzjoni milli jipprovdu s-servizzi tagħhom billi japplikaw kriptaġġ minn tarf sa tarf jew jiġi interpretat b'dak il-mod.

2. Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jimmina l-projbizzjoni ta' monitoraġġ ġenerali skont il-liġi tal-Unjoni jew jintroduċi obbligi ġenerali taż-żamma tad-data.

Or. en

Emenda 609
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw, għal kull tali servizz li joffru, ***ir-riskju tal-użu tas-servizz għall-finijiet ta'*** abbuż sesswali tat-tfal ***online***.	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw, għal kull tali servizz li joffru, ***kwalunkwe riskju serju residwu sistemiku sinifikanti li jirriżulta mill-funzjonament u l-użu tas-servizzi tagħhom fl-Unjoni li s-servizzi tagħhom qed jintużaw biex ixerrdu jew jiskambjaw materjal ta'*** abbuż sesswali tat-tfal. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni fuq il-monitoraġġ ġenerali jew iż-żamma ġeneralizzata tad-data, u ma għandux jinftiehem bħala obbligu fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni li jiksru, idgħajfu jew jimminaw il-kriptaġġ minn tarf sa tarf jew li jieħdu passi oħra li jikkompromettu s-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet.***

Or. en

Emenda 610
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw, ***għal kull tali servizz li joffru, ir-riskju tal-użu tas-servizz*** għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online.	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw, ***kwalunkwe riskju sistemiku serju li jirriżulta mill-funzjonament u l-użu tas-servizzi tagħhom*** għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online. ***Dik il-valutazzjoni tar-riskju għandha tkun speċifika għas-servizzi li joffru u proporzjonata għar-riskju sistemiku serju meta jitqiesu s-severità u l-probabbiltà tiegħu. Għal dan l-għan, il-fornituri soġġetti għal obbligu li jwettqu valutazzjoni tar-riskju skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 jistgħu jibbażaw fuq dik il-valutazzjoni tar-riskju u jikkomplementawha b'valutazzjoni aktar speċifika tar-riskji tal-użu tas-servizzi tagħhom għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.***

Or. en

Emenda 611
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jidentifikaw,	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri***

janalizzaw u jivvalutaw, għal kull tali servizz li joffru, ***ir-riskju tal-użu*** tas-servizz għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online.

disponibbli għall-pubbliku li huma esposti għal ammont sostanzjali ta' abbuż sesswali tat-tfal online għandhom jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw, għal kull tali servizz li joffru, ***riskji li jirriżultaw mit-tfassil, il-funzjonament, inkluż sistemi ta' rakkomandazzjoni algoritmika, jew l-użu*** tas-servizz għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-allinjament mar-Regolament 2021/784 dwar il-Kontenut Terroristiku Online u l-iżgurar tal-proporzjonalità. Pereżempju, iċ-chat ta' appoġġ għall-konsumatur online għal prodott tal-konsumatur x'aktarx li qatt mhu se tkun esposta għal abbuż sesswali tat-tfal online, u valutazzjoni tar-riskju ma tkunx ta' għajnuna.

Emenda 612
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***għandhom jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw, għal kull tali servizz li joffru, ir-riskju*** tal-użu tas-servizz għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online.	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju*** tal-użu tas-servizz għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online. ***Il-valutazzjoni tar-riskju għandha ssir pubblika.***

Or. en

Emenda 613
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali għandhom jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw, għal kull tali servizz li joffru, ir-riskju tal-użu tas-servizz għall-finijiet ta’ abbuż sesswali tat-tfal online.	1. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali għandhom jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw, għal kull tali servizz li joffru, ir-riskju tal-użu tas-servizz għall-finijiet ta’ abbuż sesswali tat-tfal online***, li jirrikjedi rispons immirat u mfassal apposta***.

Or. en

Emenda 614
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali għandhom jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw, għal kull tali servizz li joffru, ***ir-riskju*** tal-użu tas-servizz għall-finijiet ta’ abbuż sesswali tat-tfal online.	1. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw, għal kull tali servizz li joffru, ***kwalunkwe riskju sistemiku rikorrenti*** tal-użu tas-servizz għall-finijiet ta’ abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta’ “riskju” huwa wiesa’ ħafna. Il-valutazzjoni ta’ “riskji sistemiċi rikorrenti” iżżid iċ-ċertezza legali għall-fornituri, u tippermettilhom jiffukaw fuq l-aktar riskji problematiċi ta’ użu ħażin tas-servizz.

Emenda 615
Patrick Breyer
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fornitur ta' servizzi ta' hosting jew servizz ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri disponibbli pubblikament ikun espost għal abbuż sesswali tat-tfal online meta:

Or. en

Emenda 616
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) l-awtorità ta' koordinazzjoni tal-Istat Membru tal-istabbiliment ewlieni tagħha jew meta r-rappreżentant legali tagħha jirrisjedi jew ikun stabbilit tkun ħadet deċiżjoni, abbażi ta' fatturi oġġettivi, bħall-fornitur li jkun irċieva żewġ ordnijiet ta' tneħħija finali jew aktar fit-12-il xahar preċedenti, li ssib li l-fornitur huwa espost għal abbuż sesswali tat-tfal online, u nnotifikat id-deċiżjoni lill-fornitur; jew

Or. en

Emenda 617
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) il-fornitur issottometta żewġ rapporti jew aktar ta' abbuż sesswali potenzjali tat-tfal online fit-12-il xahar

preċedenti f'konformità mal-Artikolu 12.

Or. en

Emenda 618
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2022/2065, meta jwettqu l-valutazzjoni tar-riskju, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri għandhom jirrispettaw u jevitaw kwalunkwe effett negattiv reali jew prevedibbli għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet fundamentali għad-dinjità tal-bniedem, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, inklużi l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, id-drittijiet tat-tfal u l-protezzjoni tal-konsumatur, kif minqux rispettivament fl-Artikoli 1, 7, 8, 11, 21, 24 u 38 tal-Karta.

Or. en

Emenda 619
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-obbligi tal-valutazzjoni tar-riskju għandhom dejjem ikunu

strettament neċessarji u proporzjonati, u qatt ma għandhom jinvolvu obbligu ta' monitoraġġ ġenerali, obbligu li jitfittex għarfien dwar il-kontenut tal-komunikazzjonijiet privati, u lanqas obbligu għall-forniturі li jfittxu għarfien ta' kontenut illegali.

Or. en

Emenda 620
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***kwalunkwe każ*** ta' użu tas-serv izzi tiegħu ***identifikat qabel*** għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online;	(a) ***ir-riskji sinifikanti, sistemiċi u serji u l-każijiet identifikati*** ta' użu tas-servizzi tiegħu għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online;

Or. en

Emenda 621
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***kwalunkwe każ*** ta' użu tas-servizzi ***tiegħu identifikat qabel*** għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online;	(a) ***ir-riskji sistemiċi rikorrenti u każijiet*** ta' użu tas-servizzi ***identifikati*** għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online;

Or. en

Emenda 622
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***kwalunkwe każ*** ta' użu tas-servizzi ***tiegħu identifikat qabel*** għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online;	(a) ***ir-riskji sistemiċi serji u każijiet*** ta' użu tas-servizzi tiegħu għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online;

Or. en

Emenda 623
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) kwalunkwe effett negattiv reali jew prevedibbli għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

mid-DSA

Emenda 624
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżistenza ***u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta' politika u d-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet sabiex jiġi indirizzat ir-riskju msemmi fil-paragrafu 1, inkluż***	(b) l-eżistenza ta':

permezz ta’ ***dawn li ġejjin***:

Or. en

Emenda 625
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżistenza u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta’ politika u d-disponibbiltà ta’ funzjonalitajiet sabiex ***jiġi indirizzat ir-riskju msemmi*** fil-paragrafu 1, inkluż permezz ta’ dawn li ġejjin:	(b) l-eżistenza u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta’ politika u d-disponibbiltà ta’ funzjonalitajiet sabiex ***jiġu pprevenuti u indirizzati l-abbuż sesswali tat-tfal online u r-riskji msemmija*** fil-paragrafu 1, inkluż permezz ta’ dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 626
Patrick Breyer
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżistenza u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta’ politika u d-disponibbiltà ta’ funzjonalitajiet sabiex jiġi indirizzat ir-riskju msemmi fil-paragrafu 1, inkluż permezz ta’ dawn li ġejjin:	(b) l-eżistenza u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta’ politika u d-disponibbiltà ***u l-effettività*** ta’ funzjonalitajiet sabiex jiġi indirizzat ir-riskju msemmi fil-paragrafu 1, inkluż permezz ta’ dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 627
Fabienne Keller, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżistenza u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta' politika u d-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet sabiex jiġi indirizzat ir-riskju msemmi fil-paragrafu 1, inkluż permezz ta' dawn li ġejjin:	(b) l-eżistenza u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta' politika u d-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet sabiex jiġi ***pprevenut u*** indirizzat ir-riskju msemmi fil-paragrafu 1, inkluż permezz ta' dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 628
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżistenza u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta' politika u d-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet sabiex jiġi indirizzat ir-riskju msemmi fil-paragrafu 1, inkluż permezz ta' dawn li ġejjin:	(b) l-eżistenza u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta' politika u d-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet sabiex jiġi ***pprevenut u*** indirizzat ir-riskju msemmi fil-paragrafu 1, inkluż permezz ta' dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 629
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżistenza u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta' politika u d-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet sabiex ***jiġi indirizzat ir-riskju msemmi*** fil-paragrafu 1, inkluż permezz ta' dawn li ġejjin:	(b) l-eżistenza u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta' politika u d-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet sabiex ***jiġu indirizzati r-riskji msemmija*** fil-paragrafu 1, inkluż permezz ta' dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 630
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– projbizzjonijiet u restrizzjonijiet stabbiliti fit-termini u fil-kundizzjonijiet;	***imħassar***

Or. en

Emenda 631
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- id-disponibbiltà li jintużaw miżuri tekniċi xierqa - bħal għodod ta' kontroll mill-ġenituri - biex jiġi pprevenut l-aċċess taħt l-età u l-esponiment għal kontenut jew servizzi mhux xierqa;

Or. en

Emenda 632
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-miżuri meħudin sabiex jiġu infurzati it-tali projbizzjonijiet u restrizzjonijiet;	***imħassar***

Or. en

Emenda 633
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-miżuri meħudin sabiex jiġu infurzati it-tali projbizzjonijiet u restrizzjonijiet;	– il-miżuri meħudin sabiex jiġu infurzati it-tali projbizzjonijiet u restrizzjonijiet ***u l-ammont ta' riżorsi umani u finanzjarji ddedikati għall-identifikazzjoni, l-analiżi u l-valutazzjoni tal-preżenza ta' abbuż sesswali tat-tfal***;

Or. en

Emenda 634
Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- - l-implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet u protokolli għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tar-riskju ta' abbuż sesswali tat-tfal online;
	- kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni li jedukaw u jwissu lill-utenti dwar ir-riskju ta' abbuż sesswali tat-tfal online;

Or. en

Emenda 635
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu l-verifika tal-età;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li bħalissa ma hemm l-ebda soluzzjoni teknoloġika li hija kapaċi tivvaluta b'ċertezza l-età ta' utent f'kuntest online, mingħajr ma tiddependi minn identità diġitali uffiċjali, li f'dan l-istadju ma hijiex disponibbli għal kull ċittadin Ewropew.

Emenda 636
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu l-verifika tal-età;	***imħassar***

Or. en

Emenda 637
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu l-verifika tal-età;	***imħassar***

Or. en

Emenda 638
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu l-verifika tal-età;	***imħassar***

Or. en

Emenda 639
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu ***l-verifika tal-età***;	– funzjonalitajiet li jippermettu ***l-protezzjoni effettiva tat-tfal online, f'konformità mal-ħtieġa dejjem akbar tat-tfal ta' awtonomija u żieda fid-drittijiet ta' aċċess għall-informazzjoni u l-libertà tal-espressjoni hekk kif jikbru***;

Or. en

Emenda 640
Loránt Vincze, François-Xavier Bellamy, Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu l-verifika tal-età;	– funzjonalitajiet li jippermettu l-verifika tal-età ***u l-imblukkar sussegwenti ta' siti web u kontenut ristretti skont l-età***;

Or. en

Emenda 641

Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu l-verifika tal-età;	– funzjonalitajiet li jippermettu l-verifika tal-età ***u l-kontroll tal-ġenituri***;

Or. en

Emenda 642
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli u adattati għall-età;	– funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli u adattati għall-età; ***u l-kapaċità li jittrattaw b'mod sinifikanti dawk ir-rapporti fil-ħin;***

Or. en

Emenda 643
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli u adattati għall-età;	– funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw ***jew jinnotifikaw*** abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli u adattati għall-età***, inklużi kanali ta' rapportar anonimi diġà disponibbli kif previst mid-Direttiva (UE) 2019/1937***;

Or. en

Emenda 644
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli u adattati għall-età;	– funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment ***rikonoxxibbli,*** aċċessibbli u adattati għall-età***, għat-tfal u faċli għall-utent, inklużi kanali ta' rapportar anonimi tal-utenti***;

Or. en

Emenda 645
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli ***u*** adattati għall-età;	– funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment ***rikonoxxibbli,*** aċċessibbli***,*** adattati għall-età ***u faċli għall-utent u għat-tfal, inklużi kanali ta' rapportar anonimi***;

Or. en

Emenda 646

Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli u adattati għall-età;	– funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw ***u jirrapportaw*** abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli u adattati għall-età ***b'rispons f'waqtu***;

Or. en

Emenda 647
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli ***u adattati għall-età***;	– funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli;

Or. en

Emenda 648
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- sistemi u mekkaniżmi li jipprovdu riżorsi għat-tfal u faċli għall-utent biex

jiġi żgurat li t-tfal ikunu jistgħu jfittxu l-għajnuna malajr, inkluża informazzjoni dwar kif għandhom jiġu kkuntattjati l-organizzazzjonijiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal jew l-infurzar tal-liġi nazzjonali

Or. en

Emenda 649
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- sistemi u mekkaniżmi li jipprovdu riżorsi għat-tfal u faċli għall-utent biex jiġi żgurat li t-tfal ikunu jistgħu jfittxu l-għajnuna malajr, inkluża informazzjoni dwar kif għandhom jiġu kkuntattjati l-organizzazzjonijiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal jew l-infurzar tal-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 650
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- – Funzjonalitajiet li jippermettu l-identifikazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal meta jittella';
	– Funzjonalitajiet li jipprevjenu l-uploads mid-dark web;

Or. en

Emenda 651
Sara Skyttedal, David Lega, Andrey Kovatchev, Tomáš Zdechovský, Stefan Berger, Christian Doleschal, Helmut Geuking, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Johan Nissinen, Stelios Kympouropoulos, Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- funzjonalitajiet li jippermettu kontrolli xierqa għall-età tal-ġenituri, inkluż bl-użu tal-IA;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif propost mir-rapporteur, biż-żieda tal-użu tal-IA.

Emenda 652
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- funjonalitajiet li jippermettu l-awtorapportar mit-tfal, il-ġenituri tagħhom jew il-kustodji legali tagħhom.

Or. en

Emenda 653
Sara Skyttedal, David Lega, Andrey Kovatchev, Tomáš Zdechovský, Stefan Berger, Christian Doleschal, Helmut Geuking, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Johan Nissinen, Stelios Kympouropoulos, Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- funzjonalitajiet li jippermettu l-awtorapportar, inkluż bl-użu tal-IA;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif propost mir-rapporteur, biż-żieda tal-użu tal-IA.

Emenda 654
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-mod li bih l-utenti jużaw is-servizz u l-impatt tiegħu fuq dak ir-riskju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 655
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-mod li bih l-utenti jużaw is-servizz u l-impatt tiegħu fuq dak ir-riskju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 656
Patrick Breyer

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-mod li bih l-utenti jużaw is-servizz u l-impatt tiegħu fuq dak ir-riskju;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa vag wisq biex jiġi implimentat b'mod effettiv.

Emenda 657
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-mod li bih il-fornitur ikun iddeżinja u jopera s-servizz, inklużi l-mudell tan-negozju, il-governanza u s-sistemi u l-proċessi rilevanti, u l-impatt tagħhom fuq dak ir-riskju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 658
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-mod li bih il-fornitur ikun iddeżinja u jopera s-servizz, inklużi l-	(d) il-mod li bih il-fornitur ikun iddeżinja u jopera s-servizz, inklużi l-

mudell tan-negozju, il-governanza u s-sistemi u l-proċessi rilevanti, u l-impatt tagħhom fuq dak ir-riskju;	mudell tan-negozju, il-governanza u s-sistemi u l-proċessi rilevanti, u l-impatt tagħhom fuq dak ir-riskju***.***
	Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni fuq il-monitoraġġ ġenerali jew iż-żamma ġeneralizzata tad-data, u ma għandux jinftiehem bħala obbligu fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni li jiksru, idgħajfu jew jimminaw il-kriptaġġ minn tarf sa tarf jew li jieħdu passi oħra li jikkompromettu s-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet;

Or. en

Emenda 659
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-mod li bih il-fornitur ikun iddeżinja u jopera s-servizz, inklużi l-mudell tan-negozju, il-governanza u s-sistemi u l-proċessi rilevanti, u l-impatt tagħhom fuq dak ir-riskju;	(d) il-mod li bih il-fornitur ikun iddeżinja u jopera s-servizz, inklużi l-mudell tan-negozju, il-governanza u s-sistemi u l-proċessi rilevanti, ***, id-disinn tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni tagħhom u kwalunkwe sistema algoritmika rilevanti oħra*** u l-impatt tagħhom fuq dak ir-riskju;

Or. en

Emenda 660
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-mod li bih il-fornitur ikun	(d) il-mod li bih il-fornitur ikun

iddeżinja u jopera s-servizz, inklużi l-mudell tan-negozju, il-governanza u s-sistemi u l-proċessi rilevanti, u l-impatt tagħhom fuq dak ir-riskju;	iddeżinja u jopera s-servizz, inklużi l-mudell tan-negozju, il-governanza u s-sistemi u l-proċessi rilevanti, ***jekk is-servizz huwiex disponibbli direttament għall-utenti finali,*** u l-impatt tagħhom fuq dak ir-riskju;

Or. en

Emenda 661
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-mod li bih il-fornitur ikun iddeżinja u jopera s-servizz, inklużi l-mudell tan-negozju, il-governanza u s-sistemi u l-proċessi rilevanti, u l-impatt tagħhom fuq dak ir-riskju;	(d) il-mod li bih il-fornitur ikun iddeżinja u jopera s-servizz, inklużi l-mudell tan-negozju, il-governanza***, it-tip ta' utenti mmirati,*** u s-sistemi u l-proċessi rilevanti, u l-impatt tagħhom fuq dak ir-riskju;

Or. en

Emenda 662
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) fir-rigward tar-riskju ta' sollečitazzjoni tat-tfal:	***imħassar***
(i) il-punt sa fejn jintuża jew x'aktarx jintuża s-servizz mit-tfal;	
(ii) meta s-servizz jintuża mit-tfal, il-gruppi ta' età differenti tal-utenti tat-tfal u r-riskju ta' sollečitazzjoni tat-tfal fir-rigward ta' dawk il-gruppi ta' età;	
(iii) id-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet li joħolqu jew isaħħu r-riskju ta'	

sollečitazzjoni tat-tfal, inklużi l-funzjonalitajiet li ġejjin:

il-possibbiltà li l-utenti jfittxu utenti oħrajn u, b'mod partikolari, li l-utenti adulti jfittxu utenti tfal;

il-possibbiltà li l-utenti jistabbilixxu kuntatt ma' utenti oħrajn direttament, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati;

il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu immaġnijiet jew vidjos ma' utenti oħrajn, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati.

Or. en

Emenda 663
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) fir-rigward tar-riskju ***ta' sollečitazzjoni*** tat-tfal:	(e) fir-rigward tar-riskju ***tad-drittijiet*** tat-tfal:

Or. en

Emenda 664
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-punt sa fejn jintuża jew x'aktarx jintuża s-servizz mit-tfal;	(i) il-punt sa fejn jintuża jew x'aktarx jintuża s-servizz mit-tfal***, bħal valutazzjoni tas-superfiċi pubbliċi, sinjali tal-imġiba,***

il-frekwenza tar-rapporti tal-utenti dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online, u r-riżultati tal-kampjunar aleatorju tal-kontenut;

Or. en

Emenda 665
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-punt sa fejn ***jintuża jew x'aktarx jintuża s-servizz mit-tfal***;	(i) il-punt sa fejn ***is-servizz huwa mmirat direttament lejn it-tfal***;

Or. en

Emenda 666
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-punt sa fejn ***jintuża jew x'aktarx jintuża s-servizz*** mit-tfal;	(i) il-punt sa fejn ***is-servizz huwa mmirat direttament lejn it-tfal***;

Or. en

Emenda 667
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-punt sa fejn ***jintuża jew x'aktarx jintuża s-servizz mit-tfal***;	(i) il-punt sa fejn ***is-servizz huwa mmirat direttament lejn l-utenti tfal***;

Or. en

Emenda 668
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) meta s-servizz jintuża mit-tfal, il-gruppi ta' età differenti tal-utenti tat-tfal u r-riskju ta' sollečitazzjoni tat-tfal fir-rigward ta' dawk il-gruppi ta' età;	***imħassar***

Or. en

Emenda 669
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) meta s-servizz jintuża mit-tfal, il-gruppi ta' età differenti tal-utenti tat-tfal u ***r-riskju*** ta' sollečitazzjoni tat-tfal fir-rigward ta' dawk il-gruppi ta' età;	(ii) meta s-servizz ***jintuża jew x'aktarx li*** jintuża mit-tfal, il-gruppi ta' età differenti ***jew il-gruppi ta' età probabbli*** tal-utenti tat-tfal u ***u l-iskala, il-frekwenza u n-natura relattivi ta' każijiet ta' użu tas-servizzi tiegħu identifikati qabel għall-fini*** ta' sollečitazzjoni tat-tfal fir-rigward ta' dawk il-gruppi ta' età;

Or. en

Emenda 670
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) meta s-servizz ***jintuża mit-tfal***, il-gruppi ta' età differenti ***tal-utenti tat-tfal u r-riskju ta' sollečitazzjoni tat-tfal fir-rigward ta' dawk il-gruppi ta' età***;	(ii) meta s-servizz ***mmirat direttament lejn it-tfal***, il-gruppi ta' età differenti ***tat-tfal li s-servizz għandu fil-mira tiegħu***;

Or. en

Emenda 671
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) meta s-servizz ***jintuża mit-tfal***, il-gruppi ta' età differenti tal-utenti tat-tfal u r-riskju ta' sollečitazzjoni tat-tfal fir-rigward ta' dawk il-gruppi ta' età;	(ii) meta s-servizz ***ikun immirat lejn l-utenti tfal***, il-gruppi ta' età differenti tal-utenti tat-tfal u r-riskju ta' sollečitazzjoni tat-tfal fir-rigward ta' dawk il-gruppi ta' età;

Or. en

Emenda 672
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) id-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet li joħolqu jew isaħħu r-riskju ta' sollečitazzjoni tat-tfal, inklużi l-funzjonalitajiet li ġejjin:	***imħassar***

il-possibbiltà li l-utenti jfittxu utenti oħrajn u, b'mod partikolari, li l-utenti adulti jfittxu utenti tfal;

il-possibbiltà li l-utenti jistabbilixxu kuntatt ma' utenti oħrajn direttament, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati;

il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu immaġnijiet jew vidjos ma' utenti oħrajn, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test propost mill-Kummissjoni jwassal biex jiġu koperti s-servizzi ta' messaġġi KOLLHA.

Emenda 673
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) id-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet li joħolqu jew isaħħu r-riskju ***ta' sollečitazzjoni*** tat-tfal, inklużi l-funzjonalitajiet li ġejjin:	(iii) id-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet li joħolqu jew isaħħu r-riskju ***sinifikanti, sistemiku u serju tad-drittijiet tat-tfal*** tat-tfal, inklużi l-funzjonalitajiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 674
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni *Emenda*

(iii) id-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet li joħolqu jew isaħħu r-riskju ta' sollečitazzjoni tat-tfal, inklużi l-funzjonalitajiet li ġejjin:	(iii) id-disponibbiltà ta' funzjonalitajiet li joħolqu jew isaħħu r-riskju ***serju u sistemiku*** ta' sollečitazzjoni tat-tfal, inklużi l-funzjonalitajiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 675
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti jfittxu utenti oħrajn u, b'mod partikolari, li l-utenti adulti jfittxu utenti tfal;	– il-possibbiltà li l-utenti jfittxu utenti oħrajn***, inklużi permezz ta' magni tat-tiftix esterni għas-servizz,*** u, b'mod partikolari, li l-utenti adulti jfittxu utenti tfal;

Or. en

Emenda 676
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti jfittxu utenti oħrajn u, b'mod partikolari, li l-utenti adulti jfittxu utenti tfal;	– il-possibbiltà li l-utenti jfittxu utenti oħrajn u, b'mod partikolari, li l-utenti adulti jfittxu utenti tfal***, b'mod partikolari fuq servizzi mmirati direttament lejn it-tfal***;

Or. en

Emenda 677
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov

f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti jfittxu utenti oħrajn ***u, b'mod partikolari, li l-utenti adulti jfittxu utenti tfal***;	– il-possibbiltà li l-utenti jfittxu utenti oħrajn ***fuq servizzi mmirati direttament lejn it-tfal***;

Or. en

Emenda 678
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti jfittxu utenti oħrajn ***u, b'mod partikolari, li l-utenti adulti jfittxu*** utenti tfal;	– il-possibbiltà li l-utenti jfittxu utenti oħrajn ***fuq servizzi mmirati direttament lejn*** utenti tfal;

Or. en

Emenda 679
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti jistabbilixxu kuntatt ma' utenti oħrajn ***direttament***, b'mod partikolari ***permezz ta' komunikazzjonijiet privati***;	– il-possibbiltà li l-utenti jistabbilixxu kuntatt ***mhux mitlub*** ma' utenti oħrajn ***u li l-utenti jinvolvu ruħhom u jikkollegaw mat-tfal***, b'mod partikolari ***fuq servizzi mmirati direttament lejn it-tfal***;

Or. en

Emenda 680
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti jistabbilixxu kuntatt ma' utenti oħrajn direttament, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati;	– il-possibbiltà li l-utenti jistabbilixxu kuntatt ma' utenti oħrajn ***fuq servizzi mmirati*** direttament ***lejn utenti tfal***, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati;

Or. en

Emenda 681
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti ***jistabbilixxu*** kuntatt ma' utenti oħrajn direttament, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati;	– il-possibbiltà li l-utenti ***jibdew*** kuntatt ***mhux mitlub*** ma' utenti oħrajn direttament, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati;

Or. en

Emenda 682
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti jistabbilixxu	– il-possibbiltà li l-utenti jistabbilixxu

kuntatt ma' utenti oħrajn direttament***, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati;***	kuntatt ***mhux mitlub*** ma' utenti oħrajn direttament ***fuq servizzi mmirati direttament lejn it-tfal,***

Or. en

Emenda 683
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu immaġnijiet jew vidjos ***ma'*** utenti ***oħrajn***, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati.	– il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu immaġnijiet jew vidjos ***fuq servizzi mmirati direttament lejn*** utenti ***tfal***, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati.

Or. en

Emenda 684
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu immaġnijiet jew vidjos ma' utenti oħrajn, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati.	– il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu immaġnijiet jew vidjos ***mhux mitluba*** ma' utenti oħrajn, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati.

Or. en

Emenda 685
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov

f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu immaġnijiet jew vidjos ma' utenti oħrajn***, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati.***	– il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu immaġnijiet jew vidjos ma' utenti oħrajn ***fuq servizzi mmirati direttament lejn it-tfal***

Or. en

Emenda 686
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu immaġnijiet jew vidjos ***ma' utenti oħrajn***, b'mod partikolari ***permezz ta' komunikazzjonijiet privati***.	– il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu immaġnijiet jew vidjos, b'mod partikolari ***fuq servizzi mmirati direttament lejn it-tfal***.

Or. en

Emenda 687
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu ***immaġnijiet jew vidjos*** ma' utenti oħrajn, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati.	– il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu ***kontenut*** ma' utenti oħrajn, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati.

Or. en

Emenda 688
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- – Jippermettu lill-utenti joħolqu ismijiet tal-utent li jkun fihom rappreżentazzjoni dwar l-età tal-utent, jew jimplikawha;
	– Li l-utenti tfal ikunu jistgħu joħolqu ismijiet tal-utent li jkun fihom informazzjoni dwar il-post tal-utenti tfal;
	– Li l-utenti jkunu jistgħu jsiru jafu jew jiddeduċu l-post fejn jinsabu l-utenti tfal.

Or. en

Emenda 689
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- Id-disponibbiltà għall-utenti biex ifittxu u jikkuntattjaw utenti oħra abbażi tal-kriterji tal-età jew tal-post;

Or. en

Emenda 690
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(iiia) Id-disponibbiltà għall-utenti biex joħolqu ismijiet tal-utent li jimplikaw l-età jew il-post tal-utent.

Or. en

Emenda 691
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) il-punt sa fejn it-tfal għandhom aċċess għal kontenut ristrett minħabba l-età.

Or. en

Emenda 692
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-obbligi tal-valutazzjoni tar-riskju qatt ma għandhom jinvolvu obbligu ta' monitoraġġ ġenerali, obbligu li jitfittex għarfien dwar il-kontenut tal-komunikazzjonijiet privati, u lanqas obbligu għall-forniturі li jfittxu għarfien ta' kontenut illegali.

Or. en

Emenda 693
Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Maite Pagazaurtundúa, Olivier Chastel, Fabienne Keller, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta l-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali jressqu sistemi ta' assigurazzjoni tal-età jew ta' verifika tal-età bħala miżuri ta' mitigazzjoni, huma għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:
	(a) Jipproteġu l-privatezza tal-utenti u ma jiżvelawx data miġbura għall-finijiet tal-assigurazzjoni tal-età għal kwalunkwe skop ieħor;
	(b) Ma jiġbrux data li ma hijiex neċessarja għall-finijiet tal-assigurazzjoni tal-età;
	(c) Ikunu proporzjonati mar-riskji assoċjati mal-prodott jew is-servizz li jippreżenta riskju ta' użu ħażin għall-abbuż sesswali tat-tfal;
	(d) Jipprovdu rimedji u mekkaniżmi ta' rimedju xierqa għall-utenti li l-età tagħhom tkun identifikata ħażin.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tissuġġerixxi formulazzjoni li tagħmel il-verifika tal-età għodda ta' sikurezza sa mit-tfassil li trid titwettaq mill-fornituri nfushom, sabiex tiżdied il-prevenzjoni.

Emenda 694
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Paul Tang, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2a. Meta l-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali jressqu sistema ta' assigurazzjoni tal-età jew ta' verifika tal-età bħala miżura ta' mitigazzjoni, huma jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

a) Jipproteġu l-privatezza tal-utenti u ma jiżvelawx data miġbura għall-finijiet tal-assigurazzjoni tal-età għal kwalunkwe skop ieħor;

b) Ma jiġbrux data li ma hijiex neċessarja għall-fini tal-assigurazzjoni tal-età;

c) Ikunu proporzjonati mar-riskji assoċjati mal-prodott jew is-servizz li jippreżenta riskju ta' użu ħażin għall-abbuż sesswali tat-tfal;

d) Jipprovdu rimedji u mekkaniżmi ta' rimedju xierqa għall-utenti li l-età tagħhom tkun identifikata ħażin.

Or. en

Emenda 695
Sara Skyttedal, David Lega, Andrey Kovatchev, Tomáš Zdechovský, Stefan Berger, Christian Doleschal, Helmut Geuking, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Johan Nissinen, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-fornitur, meta applikabbli, għandu jivvaluta, f'taqsima separata tal-valutazzjoni tar-riskju tiegħu, l-użu volontarju ta' teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sa fejn ikun strettament neċessarju biex jidentifika, jirrapporta u jneħħi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tiegħu. Tali użu volontarju ta' teknoloġiji speċifiċi fl-ebda ċirkostanza ma għandu jdgħajjef l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-kontenut u l-

komunikazzjonijiet kriptati minn tarf sa tarf.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif propost mir-rapporteur, biż-żieda li l-użu volontarju msemmi hawn fuq ta' teknoloġiji speċifiċi fl-ebda ċirkostanza ma għandu jimmina l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-kontenut u l-komunikazzjonijiet kriptati minn tarf sa tarf.

Emenda 696
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornitur jista' jitlob liċ-Ċentru tal-UE ***jwettaq analiżi ta' kampjuni ta' data rappreżentattivi u anonimizzati sabiex jidentifika abbuż sesswali tat-tfal online potenzjali, sabiex*** jappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju.	Il-fornitur jista' jitlob liċ-Ċentru tal-UE jappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju.

Or. en

Emenda 697
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornitur jista' jitlob liċ-Ċentru tal-UE jwettaq analiżi ***ta' kampjuni ta' data rappreżentattivi u anonimizzati sabiex jidentifika abbuż sesswali tat-tfal online potenzjali***, sabiex jappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju.	Il-fornitur jista' jitlob liċ-Ċentru tal-UE jwettaq analiżi ***tal-metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riskju***, sabiex jappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ebda wieħed mir-rekwiżiti elenkati fil-paragrafu 2 ma jkun jirrikjedi l-eżaminazzjoni ta' kampjuni tad-data. Il-forniturijiġi appoġġat aħjar b'analiżi tal-metodoloġija tagħhom użata għall-valutazzjonijiet tar-riskju, biex itejbu r-riżultati u jappoġġaw lill-SMEs

Emenda 698
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	La din it-talba u lanqas l-analiżi sussegwenti tiegħu li ċ-Ċentru tal-UE jista' jwettaq ma għandhom jeżentaw lill-fornitur mill-obbligu tiegħu li jwettaq il-valutazzjoni tar-riskju f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u li jikkonforma ma' obbligi oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 699
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kostijiet imġarrbin miċ-Ċentru tal-UE ***għat-twettiq ta' tali analiżi*** għandhom jiġġarrbu mill-fornitur rikjedenti. Madankollu, iċ-Ċentru tal-UE għandu jħallas dawk il-kostijiet meta l-fornitur ikun intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju***, dment li t-talba tkun raġonevolment neċessarja sabiex tappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju***.	Il-kostijiet imġarrbin miċ-Ċentru tal-UE ***għall-appoġġ tal-valutazzjoni tar-riskju*** għandhom jiġġarrbu mill-fornitur rikjedenti. Madankollu, iċ-Ċentru tal-UE għandu jħallas dawk il-kostijiet meta l-fornitur ikun intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju.

Or. en

Emenda 700
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kostijiet imġarrbin miċ-Ċentru tal-UE għat-twettiq ta' tali analiżi għandhom jiġġarrbu mill-fornitur rikjedenti. Madankollu, iċ-Ċentru tal-UE għandu jħallas dawk il-kostijiet meta l-fornitur ikun intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju, ***dment li*** t-talba ***tkun*** raġonevolment neċessarja sabiex tappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju.	Il-kostijiet imġarrbin miċ-Ċentru tal-UE għat-twettiq ta' tali analiżi għandhom jiġġarrbu mill-fornitur rikjedenti. Madankollu, iċ-Ċentru tal-UE għandu jħallas dawk il-kostijiet meta l-fornitur ikun intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju***. Iċ-Ċentru jista' jirrifjuta*** t-talba ***meta ma tkunx*** raġonevolment neċessarja sabiex tappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju.

Or. en

Emenda 701
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 86 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament bir-regoli dettaljati neċessarji dwar id-determinazzjoni u l-impożizzjoni ta' dawk il-kostijiet u l-applikazzjoni tal-eżenzjoni għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.	***imħassar***

Or. ro

Emenda 702
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 86 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament bir-regoli dettaljati neċessarji dwar id-determinazzjoni u l-impożizzjoni ta' dawk il-kostijiet u l-applikazzjoni tal-eżenzjoni għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 703
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-obbligi tal-valutazzjoni tar-riskju għandhom dejjem ikunu strettament neċessarji u proporzjonati, u qatt ma għandhom jinvolvu obbligu ta' monitoraġġ ġenerali, obbligu li jitfittex għarfien dwar il-kontenut tal-komunikazzjonijiet privati, u lanqas obbligu għall-fornituri li jfittxu għarfien ta' kontenut illegali.

Or. en

Emenda 704
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Il-fornitur għandu jwettaq l-ewwel valutazzjoni tar-riskju sa [Data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament + ***3*** xhur] jew, meta l-fornitur ma jkunx offra s-servizz fl-Unjoni sa [Data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], sa ***tliet*** xhur mid-data li fiha l-fornitur beda joffri s-servizz fl-Unjoni.	Il-fornitur għandu jwettaq l-ewwel valutazzjoni tar-riskju sa [Data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament + ***sitt*** xhur] jew, meta l-fornitur ma jkunx offra s-servizz fl-Unjoni sa [Data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], sa ***sitt*** xhur mid-data li fiha l-fornitur beda joffri s-servizz fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 705
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sussegwentement, il-fornitur għandu jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju, fejn neċessarju, u tal-anqas darba kull tliet snin mid-data li fiha jkun wettaq l-aħħar jew aġġorna l-valutazzjoni tar-riskju. Madanakollu:	***imħassar***
(a) għal servizz li jkun soġġett għal ordni ta' detezzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 7, il-fornitur għandu jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju mhux aktar tard minn xahrejn qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni;	
(b) l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment tista' titlob lill-fornitur jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju f'data aktar kmieni raġonevoli mid-data msemmija fit-tieni subparagrafu, meta jkun hemm evidenza li tindika bidla sostanzjali possibbli fir-riskju li s-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.	

Or. en

Emenda 706
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sussegwentement, il-fornitur għandu jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju, fejn neċessarju, u tal-anqas darba kull ***tliet snin*** mid-data li fiha jkun wettaq l-aħħar jew aġġorna l-valutazzjoni tar-riskju. Madanakollu:	Sussegwentement, il-fornitur għandu jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju, fejn neċessarju, u tal-anqas darba kull ***sena*** mid-data li fiha jkun wettaq l-aħħar jew aġġorna l-valutazzjoni tar-riskju. Madanakollu:

Or. ro

Emenda 707
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sussegwentement, il-fornitur għandu jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju, fejn neċessarju, u tal-anqas darba kull tliet snin mid-data li fiha jkun wettaq l-aħħar jew aġġorna l-valutazzjoni tar-riskju. ***Madanakollu:***	Sussegwentement, il-fornitur għandu jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju, fejn neċessarju, u tal-anqas darba kull tliet snin mid-data li fiha jkun wettaq l-aħħar jew aġġorna l-valutazzjoni tar-riskju.

Or. en

Emenda 708
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għal servizz li jkun soġġett għal ordni ta' detezzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 7, il-fornitur għandu	***imħassar***

jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju mhux aktar tard minn xahrejn qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni;

Or. en

Emenda 709
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għal servizz li jkun soġġett għal ordni ta' detezzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 7, il-fornitur għandu jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju mhux aktar tard minn xahrejn ***qabel*** l-iskadenza tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni;	(a) għal servizz li jkun soġġett għal ordni ta' detezzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 7, il-fornitur għandu jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju mhux aktar tard minn xahrejn ***wara*** l-iskadenza tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa biss wara li jkun implimenta l-ordni ta' detezzjoni li l-fornitur ikun jaf l-istat attwali tar-riskju tiegħu.

Emenda 710
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment tista' titlob lill-fornitur jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju f'data aktar kmieni raġonevoli mid-data msemmija fit-tieni subparagrafu, meta jkun hemm evidenza li tindika bidla	***imħassar***

sostanzjali possibbli fir-riskju li s-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Emenda 711
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment tista' titlob lill-fornitur jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju f'data aktar kmieni raġonevoli mid-data msemmija fit-tieni subparagrafu, meta jkun hemm evidenza li tindika bidla sostanzjali possibbli fir-riskju li s-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.	***imħassar***

Or. en

Emenda 712
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tinkludi valutazzjoni ta' kwalunkwe riskju potenzjali li jifdal li, wara li jittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni skont l-Artikolu 4, is-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.	***imħassar***

Or. en

Emenda 713
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tinkludi valutazzjoni ta' kwalunkwe riskju potenzjali li jifdal li, wara li jittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni skont l-Artikolu 4, is-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.	***imħassar***

Or. en

Emenda 714
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tinkludi valutazzjoni ta' kwalunkwe riskju potenzjali li jifdal li, wara li jittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni skont l-Artikolu 4, is-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.	***imħassar***

Or. en

Emenda 715
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tinkludi valutazzjoni ta' kwalunkwe riskju potenzjali li jifdal li, wara li jittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni skont l-Artikolu 4, is-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.

imħassar

Or. en

Emenda 716
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tinkludi valutazzjoni ta' kwalunkwe riskju ***potenzjali*** li jifdal li, wara li jittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni skont l-Artikolu 4, is-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.	5. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tinkludi valutazzjoni ta' kwalunkwe riskju ***sistemiku u serju u raġonevolment prevedibbli*** li jifdal li, wara li jittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni skont l-Artikolu 4, is-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Emenda 717
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-Kummissjoni***, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni ***u ċ-Ċentru tal-UE*** u wara li ***tkun wettqet*** konsultazzjoni pubblika, ***tista' toħroġ*** linji gwida dwar ***l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-***	6. ***Iċ-Ċentru tal-UE***, f'kooperazzjoni ***mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,*** mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u wara li ***jkun wettaq*** konsultazzjoni pubblika, ***jista' joħroġ*** linji gwida dwar ***it-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju***.

dispożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 718
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.	6. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni***, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali*** u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 719
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-	6. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE***, wara li jkunu kkonsultaw lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*** u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li

dispożizzjonijiet.	fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 720
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.	6. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni***, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali*** u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 721
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1	6. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni***, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*** u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji

sa 5, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.	gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 722
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu3a
	Kriptaġġ minn tarf sa tarf
	1. Il-kriptaġġ minn tarf sa tarf huwa għodda importanti li tiggarantixxi s-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti, inklużi dawk tat-tfal.
	Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi lill-forniturі ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni rilevanti milli japplikaw kriptaġġ minn tarf sa tarf fis-servizzi tagħhom, jew li jirrestrinġi jew jimmina tali kriptaġġ minn tarf sa tarf. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda obbligu fuq il-forniturі tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni rilevanti li jirriżulta fil-prevenzjoni tagħhom milli jipprovdu servizzi kriptati minn tarf sa tarf u lanqas ma għandhom jippermettu l-użu ta' Client Side Scanning jew tekniki simili jew kwalunkwe software ieħor użat fuq it-tagħmir terminali tal-utenti għall-finijiet tal-identifikazzjoni u r-rapportar

	tal-abbuż sesswali tat-tfal online.
	1a. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda obbligu fuq il-fornituri ta' kriptaġġ, fuq il-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni rilevanti jew fuq kwalunkwe organizzazzjoni oħra fir-rigward ta' kwalunkwe livell tal-katina tal-provvista li jirriżulta fid-dgħufija tas-sigurtà tan-networks u tas-servizzi tagħhom, bħall-evitar tal-awtentikazzjoni u l-aċċess għal data kriptata jew il-ħolqien ta' dgħufijiet intenzjonati mill-fornituri biex jippermettu aċċess għal data kriptata.
	2. Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jinftiehem li qed jimmina l-projbizzjoni ta' monitoraġġ ġenerali skont id-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 723
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mitigazzjoni tar-riskji	Mitigazzjoni tar-riskji ***u sikurezza sa mit-tfassil***

Or. en

Emenda 724
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4 Mitigazzjoni tar-riskji	4 ***Sikurezza sa mit-tfassil u*** mitigazzjoni tar-riskji

Or. en

Emenda 725
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mitigazzjoni tar-riskji	***Miżuri speċifiċi***

Or. en

Emenda 726
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali għandu jkollhom stabbiliti mekkaniżmi li jippermettu lil kwalunkwe individwu jew entità jinnotifikawhom bil-preżenza fis-servizz tagħhom ta' oġġetti speċifiċi ta' informazzjoni li l-individwu jew l-entità jqisu bħala abbuż sesswali tat-tfal online. Dan l-obbligu ma għandux jiġi interpretat bħala obbligu ta' monitoraġġ ġenerali jew żamma ta' data ġeneralizzata.
	Tali mekkaniżmi għandhom ikunu faċli biex jiġu aċċessati, adatti għat-tfal, u għandhom jippermettu s-sottomissjoni ta' avviżi b'mezzi elettroniċi.

[Sa sitt xahar wara d-dħul fis-seħħ] il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jistabbilixxi rekwiżiti tad-disinn għal mekkaniżmu ta' notifika identifikabbli uniformi kif imsemmi f'dan l-Artikolu, inkluż dwar id-disinn ta' ikona uniformi, li tingħaraf faċilment, fl-interfaċċa tal-utent.

Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali mmirati lejn it-tfal jistgħu jimplimentaw ir-rekwiżiti tad-disinn speċifikati fl-att delegat imsemmi f'dan il-paragrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rapportar mill-utenti huwa tal-akbar importanza fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. Billi jkun hemm stabbilit mekkaniżmu ta' rapportar rikonoxxibbli uniformi fis-servizzi kollha ta' hosting u ta' komunikazzjoni interpersonali, nagħtu s-setgħa liż-żewġ utenti vulnerabbli bħala utenti li altrimenti jinjoraw il-kontenut, jieħdu azzjoni immedjata. Dan iżid is-sikurezza għall-utenti kollha. Għal servizzi ta' hosting u ta' komunikazzjoni interpersonali mmirati direttament lejn it-tfal, l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-disinn għandha tkun obbligatorja.

Emenda 727
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, imfasslin ***għar-riskju identifikat*** skont l-Artikolu 3, sabiex jimminimizzaw dak ir-riskju. It-tali miżuri ***għandhom*** jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, imfasslin ***għar-riskji sistemiċi identifikati*** skont l-Artikolu 3, sabiex jimminimizzaw dak ir-riskju. It-tali miżuri***, meta applikabbli u teknikament fattibbli mingħajr ma jkunu ta' detriment għall-integrità teknika jew il-mudell operattiv tal-pjattaforma jew tas-servizz, u mingħajr ma jkunu ta' detriment għall-***

kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet dwar dak is-servizz, jistgħu jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:

Or. en

Emenda 728
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, imfasslin għar-riskju identifikat skont l-Artikolu 3, sabiex jimminimizzaw dak ir-riskju. It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, imfasslin għar-riskju ***sinifikanti, sistemiku u serju*** identifikat skont l-Artikolu 3, sabiex jimminimizzaw dak ir-riskju. It-tali miżuri ***mmirati*** għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha***, meta applikabbli u teknikament fattibbli mingħajr ma jkunu detrimentali għall-integrità teknika jew il-mudell operattiv tal-fornitur, u lanqas għas-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet***:

Or. en

Emenda 729
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u

l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali għandhom jieħdu miżuri ta’ mitigazzjoni raġonevoli, imfasslin ***għar-riskju*** identifikat skont l-Artikolu 3, sabiex jimminimizzaw ***dak ir-riskju***. It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:	l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jieħdu miżuri ta’ mitigazzjoni raġonevoli, imfasslin ***għar-riskji sistemiċi*** identifikat skont l-Artikolu 3, sabiex jimminimizzaw ***tali riskji***. It-tali miżuri***, meta applikabbli u teknikament fattibbli mingħajr ma jkunu ta’ detriment għall-integrità teknika jew il-mudell operattiv tal-pjattaforma jew tas-servizz, u mingħajr ma jkunu ta’ detriment għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet dwar dak is-servizz,*** għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Enfasi fuq ir-riskji “sistemiċi”. Sabiex it-test jibqa’ validu għall-futur, il-miżuri dettaljati għandhom jiġu rakkomandati aktar milli imposti fuq il-fornituri.

Emenda 730
Patrick Breyer
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali għandhom jieħdu miżuri ***ta’ mitigazzjoni raġonevoli***, imfasslin għar-riskju identifikat skont l-Artikolu 3***, sabiex jimminimizzaw dak ir-riskju***. It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:	1. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri disponibbli pubblikament li huma esposti għal ammont sostanzjali ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal*** għandhom jieħdu miżuri ***speċifiċi proporzjonati u effettivi***, imfasslin għar-riskju ***sistemiku serju*** identifikat skont l-Artikolu 3. ***Id-deċiżjoni dwar l-għażla tal-miżuri speċifiċi għandha tibqa’ f’idejn il-fornitur ta’ servizzi ta’ hosting.*** It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għażla ta' miżuri mir-Regolament dwar il-Kontenut Terroristiku Online, l-Artikolu 5(2)

Emenda 731
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom ***jieħdu*** miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, imfasslin ***għar-riskju*** identifikat skont l-Artikolu 3, ***sabiex jimminimizzaw*** dak ir-riskju. It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:	1. Il-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom ***jistabbilixxu*** miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli***, proporzjonati u mmirati***, imfasslin ***għas-servizzi tagħhom u r-riskju sistemiku serju*** identifikat skont l-Artikolu 3, ***bl-għan li jimmitigaw*** dak ir-riskju. It-tali miżuri ***qatt ma għandhom jinvolvu obbligu ġenerali ta' monitoraġġ jew obbligu ġeneralizzat ta' żamma ta' data u*** għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:

Or. en

Emenda 732
Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, imfasslin għar-riskju identifikat skont l-Artikolu 3, sabiex jimminimizzaw dak ir-riskju. It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:	1. Il-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli***, filwaqt li jqisu d-dritt għall-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali***, imfasslin għar-riskju identifikat skont l-Artikolu 3, sabiex jimminimizzaw dak ir-riskju. It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn

dawn li ġejjin jew dawn kollha:

Or. en

Emenda 733
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, imfasslin għar-riskju identifikat skont l-Artikolu 3, sabiex jimminimizzaw dak ir-riskju. It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli ***u proporzjonati***, imfasslin għar-riskju identifikat skont l-Artikolu 3 ***u s-servizz tagħhom***, sabiex jimminimizzaw dak ir-riskju. It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:

Or. en

Emenda 734
Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Maite Pagazaurtundúa, Olivier Chastel, Fabienne Keller, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, imfasslin għar-riskju identifikat skont l-Artikolu 3, sabiex jimminimizzaw dak ir-riskju. It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, imfasslin ***għas-servizz speċifiku tagħhom*** għar-riskju identifikat skont l-Artikolu 3, sabiex jimminimizzaw dak ir-riskju. It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:

Or. en

Emenda 735
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament, permezz ta' miżuri tekniċi u operazzjonali xierqa u permezz tar-reklutaġġ tal-persunal, permezz tas-sistemi ta' moderazzjoni tal-kontenut jew abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-fornitur, permezz tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, tal-operat jew tal-funzjonalitajiet tas-servizz, jew tal-kontenut jew tal-infurzar tat-termini u tal-kundizzjonijiet tiegħu;	(a) l-adattament, permezz ta' miżuri tekniċi u operazzjonali xierqa u permezz tar-reklutaġġ tal-persunal, permezz tas-sistemi ta' moderazzjoni tal-kontenut jew abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-fornitur***, inklużi l-għodod ta' monitoraġġ ta' frażijiet u indikaturi fuq uċuħ pubbliċi,***, permezz tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, tal-operat jew tal-funzjonalitajiet tas-servizz, jew tal-kontenut jew tal-infurzar tat-termini u tal-kundizzjonijiet tiegħu***, l-għodod ta' rapportar li huma effettivi, faċilment aċċessibbli u xierqa, jew il-protokolli għall-investigazzjoni tal-kontenut irrapportat u t-teħid ta' azzjoni xierqa***;

Or. en

Emenda 736
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament, permezz ta' miżuri tekniċi u operazzjonali xierqa u permezz tar-reklutaġġ tal-persunal, permezz tas-sistemi ta' moderazzjoni tal-kontenut jew abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-fornitur, permezz tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, tal-operat jew tal-funzjonalitajiet tas-servizz, jew tal-kontenut jew tal-infurzar tat-termini u tal-kundizzjonijiet tiegħu;	(a) ***l-ittestjar u*** l-adattament, permezz ta' miżuri tekniċi u operazzjonali ***tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku*** xierqa u permezz tar-reklutaġġ tal-persunal, permezz tas-sistemi ta' moderazzjoni tal-kontenut jew abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-fornitur, permezz tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, tal-operat jew tal-funzjonalitajiet tas-servizz, jew tal-kontenut jew tal-infurzar tat-termini u tal-

kundizzjonijiet tiegħu***, inkluż il-veloċità u l-kwalità tal-avviżi u r-rapporti tal-ipproċessar relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal online u, meta xieraq, it-tneħħija rapida tal-kontenut innotifikat***;

Or. en

Emenda 737
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament, permezz ta' miżuri tekniċi u operazzjonali xierqa u permezz tar-reklutaġġ tal-persunal, permezz tas-sistemi ta' moderazzjoni tal-kontenut jew abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-fornitur, permezz tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu***, tal-operat jew tal-funzjonalitajiet tas-servizz, jew tal-kontenut*** jew tal-infurzar tat-termini u tal-kundizzjonijiet tiegħu;	(a) l-adattament, permezz ta' miżuri tekniċi u operazzjonali xierqa u permezz tar-reklutaġġ tal-persunal, permezz tas-sistemi ta' moderazzjoni tal-kontenut jew abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-fornitur, permezz tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu jew tal-infurzar tat-termini u tal-kundizzjonijiet tiegħu;

Or. en

Emenda 738
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament, permezz ta' miżuri tekniċi u operazzjonali xierqa u permezz tar-reklutaġġ tal-persunal, permezz tas-sistemi ta' moderazzjoni tal-kontenut jew abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-fornitur, permezz tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, tal-operat jew tal-	(a) l-adattament, permezz ta' miżuri tekniċi u operazzjonali xierqa u permezz tar-reklutaġġ tal-persunal, permezz tas-sistemi ta' moderazzjoni tal-kontenut jew abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-fornitur, permezz tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, tal-operat jew tal-

funzjonalitajiet tas-servizz, ***jew tal-kontenut jew tal-infurzar tat-termini u tal-kundizzjonijiet tiegħu***;	funzjonalitajiet tas-servizz, ***sabiex jitneħħa malajr jew jiġi diżattivat l-aċċess għall-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal***;

Or. en

Emenda 739
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-adattament tad-disinn, il-karatteristiċi u l-funzjonijiet tas-servizzi tagħhom sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, protezzjoni tad-data, sikurezza, u sigurtà sa mit-tfassil u b'mod awtomatiku, inklużi xi whud minn dawn li ġejjin jew kollha kemm huma:* ***(a) jillimitaw lill-utenti, b'mod awtomatiku, li jistabbilixxu kuntatt dirett ma' utenti oħra, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati; ***(b) jillimitaw lill-utenti, b'mod awtomatiku, biex jaqsmu direttament stampi jew vidjos fuq is-servizzi;*** ***(c) jillimitaw lill-utenti, b'mod awtomatiku, biex jaqsmu direttament id-dettalji ta' kuntatt personali ma' utenti oħra, bħal numri tat-telefown, indirizzi tad-dar u indirizzi tal-posta elettronika, permezz ta' tqabbil ibbażat fuq ir-regoli;*** ***(d) jillimitaw lill-utenti, b'mod awtomatiku, biex joħolqu ritratti tal-iskrin jew reġistrazzjonijiet fis-servizz;*** ***(e) jillimitaw lill-utenti, b'mod awtomatiku, li jibagħtu mill-ġdid direttament l-immaġnijiet u l-vidjos lil utenti oħra fejn ma jkun ingħata l-ebda kunsens;*** ***(f) il-ġenituri ta' tfal jew ta' rappreżentant legali ta' minorenni jitħallew jagħmlu użu***

minn għodod sinifikattivi ta' kontroll mill-ġenituri, li jipproteġu l-fiduċja tal-komunikazzjonijiet tat-tfal;

(g) it-tħeġġiġ tat-tfal, qabel ma jirreġistraw għas-servizz, biex jitkellmu mal-ġenituri tagħhom dwar kif jaħdem is-servizz u liema għodod ta' kontroll tal-ġenituri huma disponibbli.

Is-servizzi li jieħdu l-miżuri deskritti f'dan il-punt jistgħu jippermettu lill-utenti jreġġgħu lura dawn il-miżuri fuq livell individwali.

Or. en

Emenda 740
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-adattament tad-disinn, il-karatteristiċi u l-funzjonijiet tas-servizz tagħhom sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' privatezza, sikurezza u sigurtà sa mit-tfassil u b'mod awtomatiku, b'mod partikolari, għall-protezzjoni tat-tfal;

Or. en

Emenda 741
Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Fabienne Keller, Maite Pagazaurtundúa, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) It-tfassil ta' kampanji edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni li għandhom l-għan li jinfurmaw u javżaw lill-utenti dwar ir-

riskji ta' abbuż sesswali tat-tfal online, inkluża informazzjoni xierqa għat-tfal;

Or. en

Emenda 742
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) It-tfassil ta' kampanji edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni li għandhom l-għan li jinfurmaw u javżaw lill-utenti dwar ir-riskji ta' abbuż sesswali tat-tfal online, inkluża informazzjoni xierqa għat-tfal;

Or. en

Emenda 743
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-provvista ta' mekkaniżmi faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent fil-każ tal-utenti biex jirrapportaw jew jimmarkaw lill-fornitur allegat abbuż sesswali tat-tfal online;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mir-Regolament dwar il-Kontenut Terroristiku Online, l-Artikolu 5(2)(b).

Emenda 744
Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-provvista ta' sigurtà sa mit-tfassil, bħala mod kif jiġu żgurati servizzi li huma sikuri u siguri, speċjalment għat-tfal;

Or. en

Emenda 745
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) il-provvista ta' miżuri u għodod tekniċi li jippermettu lill-utenti jimmaniġġaw il-privatezza, il-viżibbiltà, l-aċċessibbiltà u s-sikurezza tagħhom stess, u li huma stabbiliti għall-aktar livelli privati u siguri b'mod awtomatiku;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Opinjoni tal-EDPS-EDPB, paragrafu 118

Emenda 746
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ab) l-eżempju ta' kejl xieraq tal-età - bħal għodod ta' kontroll mill-ġenituri, biex jiġi pprevenut l-aċċess ta' persuni taħt l-età u l-esponiment għal kontenut jew servizzi mhux xierqa;

Or. en

Emenda 747
Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) il-provvista ta' diversi funzjonijiet ta' rapportar fi ħdan is-servizzi tagħhom, sabiex l-utenti tas-servizzi jkunu jistgħu jirrapportaw u jimmarkaw il-kontenut u l-materjal;

Or. en

Emenda 748
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ac) it-talba għal konferma tal-utent qabel ma tippermetti lil utent mhux magħruf jikkomunika u qabel ma juri l-komunikazzjonijiet tiegħu;

Or. en

Emenda 749
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ad (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ad) b'mod fakultattiv jew b'mod awtomatiku, it-talba għal konferma tal-utent u li joffru gwida qabel ma juru jew jikkondividu ċertu kontenut bħal nuditÀ fejn il-fornitur jiżgura li l-ebda indikazzjoni tal-proċess u tal-kontenut ma tħalli l-apparat tal-utent u l-utent jiġi assigurat dwar dan;

Or. en

Emenda 750
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ae (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ae) il-provvista ta' għodod b'mod prominenti fuq il-pjattaforma tagħhom li jippermettu lill-utenti jfittxu għajnuna mil-linja ta' għajnuna lokali tagħhom;

Or. en

Emenda 751
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt af (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(af) l-għoti ta' informazzjoni u t-tfakkir lill-utenti u lil dawk li ma humiex utenti, bħall-ġenituri, fil-punt ta' bżonn

dwar x'jikkostitwixxi abbuż sesswali tat-tfal online u x'inhi l-imġiba tipika tat-trasgressur; l-għoti ta' pariri dwar imġiba sikura u l-konsegwenzi ta' mġiba illegali b'mod viżibbli, faċli biex jinstab u faċli biex jinftiehem;

Or. en

Emenda 752
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ag (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ag) l-għoti ta' informazzjoni lill-utenti u lil dawk li ma humiex utenti dwar ir-riżorsi u s-servizzi esterni fir-reġjun tal-utent dwar il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal, il-konsulenza permezz ta' helplines, l-appoġġ għall-vittmi u r-riżorsi edukattivi permezz ta' hotlines u organizzazzjoni għall-protezzjoni tat-tfal;

Or. en

Emenda 753
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ah (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ah) il-moderazzjoni umana ta' chats aċċessibbli għall-pubbliku, abbażi ta' kontrolli aleatorji, u l-moderazzjoni mill-bniedem ta' kanali speċifiċi aċċessibbli għall-pubbliku f'riskju għoli ta' abbuż sesswali tat-tfal online;

Or. en

Emenda 754
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ai (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ai) il-provvista ta' mekkaniżmi faċilment aċċessibbli għall-utenti biex jimblukkaw jew isikktu utenti oħra;

Or. en

Emenda 755
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt aj (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aj) il-wiri ta' twissijiet u pariri lill-utenti f'riskju ta' offiża jew vittimizzazzjoni fejn il-fornitur jiżgura li l-ebda indikazzjoni tal-proċess u tal-kontenut ma tħalli l-apparat tal-utent u l-utent jiġi assigurat dwar dan;

Or. en

Emenda 756
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ak (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ak) l-għoti ta' informazzjoni lill-ġenituri dwar in-natura tas-servizz u l-funzjonalitajiet offruti kif ukoll dwar kif jirrapportaw jew jimmarkaw lill-fornitur allegat abbuż sesswali tat-tfal online;

Or. en

Emenda 757
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt al (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(al) kwalunkwe mekkaniżmu ieħor biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tiegħu;

Or. en

Emenda 758
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-proċessi interni tal-fornitur jew tas-superviżjoni interna tal-funzjonament tas-servizz;	(b) it-tisħiħ tal-proċessi interni tal-fornitur jew tas-superviżjoni interna tal-funzjonament tas-servizz***, l-ittestjar tal-utent u l-ġbir tal-feedback***;

Or. en

Emenda 759
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) L-implimentazzjoni u l-innovazzjoni kostanti ta' funzjonalitajiet u protokolli għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tar-riskju ta' abbuż sesswali tat-tfal online, u l-valutazzjoni regolari tal-effettività tagħhom fid-dawl tal-aħħar żviluppi teknoloġiċi u x-xejriet fid-disseminazzjoni u l-monetizzazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 760
Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) l-użu ta' teknoloġiji speċifiċi fuq bażi volontarja għall-iskop uniku tal-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online f'konformità mal-Artikolu 4a;

Or. en

Emenda 761
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tnedija jew l-aġġustament tal-	(c) it-tnedija jew l-aġġustament tal-

kooperazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni, ma' fornituri oħrajn ta' servizzi ta' hosting jew ma' fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali, ma' awtoritajiet pubbliċi, ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew, fejn applikabbli, ma' entitajiet mogħtijin l-istatus ta' senjalaturi fdati f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] .	kooperazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni, ma' fornituri oħrajn ta' servizzi ta' hosting jew ma' fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri***, ma' awtoritajiet pubbliċi, ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew, fejn applikabbli, ma' entitajiet mogħtijin l-istatus ta' senjalaturi fdati f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] .

Or. en

Emenda 762
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tnedija jew l-aġġustament tal-kooperazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni, ma' fornituri oħrajn ta' servizzi ta' hosting jew ma' fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali, ma' awtoritajiet pubbliċi, ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew, fejn applikabbli, ma' entitajiet mogħtijin l-istatus ta' senjalaturi fdati f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] .	(c) it-tnedija jew l-aġġustament tal-kooperazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni, ma' fornituri oħrajn ta' servizzi ta' hosting jew ma' fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri***, ma' awtoritajiet pubbliċi, ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew, fejn applikabbli, ma' entitajiet mogħtijin l-istatus ta' senjalaturi fdati f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] .

Or. en

Emenda 763
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tnedija jew l-aġġustament tal-kooperazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni, ma' forniturі oħrajn ta' servizzi ***ta' hosting jew ma' forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali***, ma' awtoritajiet pubbliċi, ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew, fejn applikabbli, ma' entitajiet mogħtijin l-istatus ta' senjalaturi fdati f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] .	(c) it-tnedija jew l-aġġustament tal-kooperazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni, ma' forniturі oħrajn ta' servizzi ***tas-soċjetà tal-informazzjoni rilevanti***, ma' awtoritajiet pubbliċi, ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew, fejn applikabbli, ma' entitajiet mogħtijin l-istatus ta' senjalaturi fdati f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] .

Or. en

Emenda 764
Alessandra Mussolini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1) l-introduzzjoni ta' ikona viżibbli u faċilment identifikabbli li tippermetti rappurtar immedjat u effettiv ta' kontenut meqjus mhux xieraq skont l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

Or. it

Emenda 765
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ca) L-istabbiliment ta' miżuri speċifiċi ta' prevenzjoni biex jiġu enfasizzati r-riskji relatati mal-użu tas-servizz tagħhom. Tali komunikazzjoni għandha tkun immirata kemm lejn l-utenti minorenni permezz ta' mezzi adatti għat-tfal kif ukoll lejn il-ġenituri.

Or. en

Emenda 766
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-possibbiltà li l-utenti jissenjalaw jew jinnotifikaw l-abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li huma faċilment aċċessibbli u adatti għall-età, inklużi kanali ta' rapportar diġà anonimi;

Or. en

Emenda 767
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) it-tisħiħ tal-miżuri ta' sensibilizzazzjoni u l-adattament tal-interfaċċa online tagħhom għal aktar informazzjoni tal-utent, inkluża informazzjoni xierqa għat-tfal immirata għar-riskju identifikat;

Or. en

Emenda 768
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-adattament tad-disinn, il-karatteristiċi u l-funzjonijiet tas-servizzi tagħhom sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà sa mit-tfassil u sigurtà prestabbilita għat-tfal;

Or. en

Emenda 769
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-ipproċessar tal-metadata, f'konformità mal-Artikolu 4a

Or. en

Emenda 770
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' rapportar speċifiku, adattat għat-tfal u

faċilment aċċessibbli. Tali għodod għandhom ikunu viżibbli u faċilment aċċessibbli mill-utent mill-paġna web ta' komunikazzjoni diretta.

Or. en

Emenda 771
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) l-iffaċilitar ta' kapaċitajiet sikuri ta' awtorapportar għat-tfal, il-ġenituri tagħhom jew il-kustodji legali.

Or. en

Emenda 772
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) l-inklużjoni ta' informazzjoni viżibbli b'mod ċar u identifikabbli dwar l-età minima għall-użu tas-servizz;

Or. en

Emenda 773
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(cc) it-tnedija ta' miżuri li għandhom l-għan li jipproteġu d-drittijiet tat-tfal u għodod li għandhom l-għan li jgħinu lill-utenti jindikaw materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u jgħinu lit-tfal jindikaw abbuż jew jiksbu appoġġ;

Or. en

Emenda 774
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) l-istabbiliment ta' mekkaniżmi biex titqajjem kuxjenza fost l-utenti adulti ħalli jwissu dwar ksur potenzjali ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 775
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom ikomplu l-użu volontarju ta' teknoloġiji speċifiċi, bħala miżuri ta' mitigazzjoni, għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sa fejn ikun strettament meħtieġ biex jiġi identifikat, irrappurtat u jitneħħa l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' użu ħażin tas-servizzi tagħhom għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal

online, inkluż għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3 u l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni;

Or. en

Emenda 776
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom ikomplu l-użu volontarju ta' teknoloġiji speċifiċi, bħala miżuri ta' mitigazzjoni, għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sa fejn ikun strettament neċessarju biex jiġi identifikat, irrappurtat u jitneħħa l-abbuż sesswali online fuq is-servizzi tagħhom u jiġi mmitigat ir-riskju ta' użu ħażin tas-servizzi tagħhom għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, inkluż għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3 u l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni;

Or. en

Emenda 777
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li jimmiraw direttament lejn it-tfal għandhom jimplimentaw ir-rekwiżiti tad-disinn kif speċifikat fl-att delegat imsemmi fil-paragrafu -1 u għandhom jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni kollha kif deskritt fil-punt (aa) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biex jimminimizzaw dan ir-riskju.* ***Tali servizzi għandhom jippermettu lill-utenti jreġġgħu lura l-miżuri ta' mitigazzjoni fuq livell individwali.

Or. en

Emenda 778
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-obbligi ta' mitigazzjoni tar-riskju għandhom dejjem ikunu strettament neċessarji u proporzjonati, u qatt ma għandhom jinvolvu obbligu ta' monitoraġġ ġenerali, obbligu li jitfittex għarfien dwar il-kontenut tal-komunikazzjonijiet privati, għall-kuntrarju tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, u lanqas obbligu għall-fornituri li jfittxu għarfien ta' kontenut illegali.

Or. en

Emenda 779
Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tiddeċiedi jekk għandhiex tipproċedi skont il-paragrafu 1a mhux aktar tard minn tliet xhur mit-talba tal-fornitur.

Or. en

Emenda 780
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tiddeċiedi jekk għandhiex tipproċedi f'konformità mal-paragrafu 3 mhux aktar tard minn tliet xhur mit-talba tal-fornitur.

Or. en

Emenda 781
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2– parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-miżuri ***ta' mitigazzjoni*** għandhom ***ikunu***:	2. Il-miżuri ***speċifiċi*** għandhom ***jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin***:

Or. en

Emenda 782
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) effettivi fil-mitigazzjoni tar-riskju identifikat;	(a) ***għandhom ikunu*** effettivi ***u proporzjonati*** fil-mitigazzjoni tar-riskju ***serju*** identifikat;

Or. en

Emenda 783
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) effettivi fil-mitigazzjoni tar-riskju identifikat;	(a) effettivi fil-mitigazzjoni tar-riskju ***sinifikanti, sistemiku, u serju*** identifikat;

Or. en

Emenda 784
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) effettivi fil-mitigazzjoni tar-riskju identifikat;	(a) effettivi fil-mitigazzjoni tar-riskju ***sistemiku serju*** identifikat;

Or. en

Emenda 785
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) immirati u proporzjonati fir-rigward ta' dak ir-riskju, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, is-serjetà tar-riskju kif ukoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi tal-fornitur u n-numru ta' utenti;	(b) immirati u proporzjonati fir-rigward ta' dak ir-riskju, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, is-serjetà tar-riskju***, filwaqt li jiġi żgurat li l-interferenza mad-dritt fundamentali għall-privatezza u d-drittijiet l-oħra stabbiliti fil-Karta tkun limitata għal dak li huwa strettament neċessarju,*** kif ukoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi tal-fornitur u n-numru ta' utenti;

Or. en

Emenda 786
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) immirati u proporzjonati fir-rigward ta' dak ir-riskju***, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, is-serjetà tar-riskju kif ukoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi tal-fornitur u n-numru ta' utenti;***	(b) immirati u proporzjonati fir-rigward ta' dak ir-riskju

Or. en

Emenda 787
Patrick Breyer

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***immirati*** u proporzjonati fir-rigward ta' dak ir-riskju, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, is-serjetà tar-riskju kif ukoll ***il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi*** tal-fornitur ***u n-numru*** ta' utenti;	(b) ***għandhom ikunu mmirati*** u proporzjonati fir-rigward ta' dak ir-riskju, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, is-serjetà tar-riskju***, kwalunkwe impatt fuq il-funzjonalità tas-servizz*** kif ukoll ***is-saħħa finanzjarja*** tal-fornitur***, u l-kapaċitajiet tekniċi u operazzjonali, in-numru*** ta' utenti***, u l-ammont ta' kontenut li jipprovdu***;

Or. en

Emenda 788
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) immirati u proporzjonati fir-rigward ta' dak ir-riskju, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, is-serjetà tar-riskju kif ukoll ***il-kapaċitajiet*** finanzjarji u teknoloġiċi tal-fornitur u n-numru ta' utenti;	(b) immirati u proporzjonati fir-rigward ta' dak ir-riskju ***sistemiku serju***, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, is-serjetà tar-riskju kif ukoll ***il-limiti*** finanzjarji u teknoloġiċi tal-fornitur u n-numru ta' utenti;

Or. en

Emenda 789
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) immirati u proporzjonati fir-rigward	(b) immirati u proporzjonati fir-rigward

ta’ dak ir-riskju, filwaqt li jitqiesu, b’mod partikolari, is-serjetà tar-riskju kif ukoll il-kapaċitajiet finanzjarji ***u teknoloġiċi tal-fornitur*** u n-numru ta’ utenti;	ta’ dak ir-riskju, filwaqt li jitqiesu, b’mod partikolari, is-serjetà tar-riskju kif ukoll il-kapaċitajiet finanzjarji u n-numru ta’ utenti;

Or. ro

Emenda 790
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) applikati b’mod diliġenti u mhux diskriminatorju, b’kunsiderazzjoni xierqa, fiċ-ċirkostanzi kollha, għall-konsegwenzi potenzjali tal-miżuri ta’ mitigazzjoni għall-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati;	(c) applikati b’mod diliġenti u mhux diskriminatorju***, b’valutazzjoni sħiħa***, b’kunsiderazzjoni xierqa, fiċ-ċirkostanzi kollha, għall-konsegwenzi potenzjali tal-miżuri ta’ mitigazzjoni għall-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati ***u b’mod partikolari tad-drittijiet għall-privatezza, għall-protezzjoni tad-data u għal-libertà tal-espressjoni, u għall-protezzjoni tal-integrità u s-sigurtà tal-pjattaformi u tas-servizzi, inklużi dawk li huma kriptati minn tarf sa tarf***;

Or. en

Emenda 791
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) applikati b’mod diliġenti u mhux diskriminatorju, ***b’kunsiderazzjoni xierqa***, fiċ-ċirkostanzi kollha, għall-konsegwenzi potenzjali tal-miżuri ta’ mitigazzjoni għall-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati;	(c) applikati b’mod diliġenti u mhux diskriminatorju, ***b’valutazzjoni sħiħa***, fiċ-ċirkostanzi kollha, għall-konsegwenzi potenzjali tal-miżuri ta’ mitigazzjoni għall-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati ***u b’mod partikolari, li jirrispettaw id-drittijiet***

għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data u l-libertà tal-espressjoni u jipproteġu l-integrità u s-sigurtà tal-pjattaformi u s-servizzi, inklużi dawk li huma kriptati minn tarf sa tarf;

Or. en

Emenda 792
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) applikati b'mod diliġenti u mhux diskriminatorju, b'kunsiderazzjoni xierqa, fiċ-ċirkostanzi kollha, għall-konsegwenzi potenzjali tal-miżuri ta' mitigazzjoni għall-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati;	(c) applikati b'mod diliġenti u mhux diskriminatorju, b'kunsiderazzjoni xierqa, fiċ-ċirkostanzi kollha, għall-konsegwenzi potenzjali tal-miżuri ta' mitigazzjoni għall-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati***, b'mod partikolari d-drittijiet għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data u l-libertà tal-espressjoni***;

Or. en

Emenda 793
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) applikati b'mod diliġenti u mhux diskriminatorju, b'kunsiderazzjoni xierqa, fiċ-ċirkostanzi kollha, għall-konsegwenzi potenzjali tal-miżuri ta' mitigazzjoni għall-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali tal-	(c) applikati b'mod diliġenti u mhux diskriminatorju, b'kunsiderazzjoni xierqa ***b'rispett shih***, fiċ-ċirkostanzi kollha, għall-konsegwenzi potenzjali tal-miżuri ta' mitigazzjoni għall-eżerċitar tad-drittijiet

partijiet kollha affettwati;	fundamentali tal-partijiet kollha affettwati;

Or. en

Emenda 794
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) applikati b'mod diliġenti u mhux diskriminatorju, b'kunsiderazzjoni xierqa, fiċ-ċirkostanzi kollha, għall-konsegwenzi potenzjali tal-miżuri ta' mitigazzjoni għall-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati;	(c) ***għandhom ikunu*** applikati b'mod diliġenti u mhux diskriminatorju, b'kunsiderazzjoni xierqa, fiċ-ċirkostanzi kollha, għall-konsegwenzi potenzjali tal-miżuri ta' mitigazzjoni għall-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati;

Or. en

Emenda 795
Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) magħmula b'mod li ma jikkompromettix il-kriptaġġ minn tarf sa tarf;

Or. en

Emenda 796
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) introdotti, rieżaminati, imwaqqfin jew estiżi, kif xieraq, kull darba li l-valutazzjoni tar-riskju titwettaq jew tiġi aġġornata skont l-Artikolu 3(4), fi żmien ***tliet*** xhur mid-data msemmija hemm.	(d) introdotti, rieżaminati, imwaqqfin jew estiżi, kif xieraq, kull darba li l-valutazzjoni tar-riskju titwettaq jew tiġi aġġornata skont l-Artikolu 3(4), ***malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ*** fi żmien ***sitt*** xhur mid-data msemmija hemm.

Or. en

Emenda 797
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) introdotti, rieżaminati, imwaqqfin jew estiżi, kif xieraq, kull darba li l-valutazzjoni tar-riskju titwettaq jew tiġi aġġornata skont l-Artikolu 3(4), fi żmien tliet xhur mid-data msemmija hemm.	(d) ***għandhom ikunu*** introdotti, rieżaminati, imwaqqfin jew estiżi, kif xieraq, kull darba li l-valutazzjoni tar-riskju titwettaq jew tiġi aġġornata skont l-Artikolu 3(4), fi żmien tliet xhur mid-data msemmija hemm.

Or. en

Emenda 798
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) għandhom jirrispettaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data sa mit-tfassil u b'mod awtomatiku, kif ukoll tal-minimizzazzjoni tad-data.

Or. en

Emenda 799
Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Jekk il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3 tidentifika li hemm riskju ta' użu tas-servizz li qed jintuża biex jinxtered, jinħażen jew isir disponibbli materjal ivverifikat ta' abbuż sesswali tat-tfal, il-miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli jistgħu jinkludu miżuri volontarji biex jiġi identifikat u jitneħħa tali materjal f'konformità mal-Artikolu 4(a).

Or. en

Emenda 800
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Rob Rooken, Paul Tang, Karen Melchior, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemmx bżonn ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali biex tiġi vverifikata l-età tal-utent minħabba li l-miżuri (ta' mitigazzjoni) speċifiċi kollha jistgħu u għandhom jiġu applikati għall-utenti kollha. Il-verifika tal-età u l-ħtieġa li tiġi ppreżentata ID jew wiċċ ifissru li utent ma jistax jafda li jkun anonimu meta jistabbilixxi kontijiet tal-posta elettronika jew tal-messaġġerija jew meta jiċċettja b'mod anonimu, u b'hekk jagħmluhom identifikabbli u f'riskju ta' divulgazzjonijiet tad-data. Dan jimpedixxi eż. komunikazzjonijiet anonimi tal-media ma' sorsi li jirriskjaw il-prosekuzzjoni (eż. informaturi). Barra minn hekk, il-verifika tal-età tiġbor id-data personali tat-tfal u tesponihom għal divulgazzjonijiet u abbuż probabbli, inkluż għall-grooming tat-tfal. Is-sena l-oħra biss, id-data personali ta' 500 miljun utent ta' Facebook ġiet esposta online.

Emenda 801
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 802
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test propost mill-Kummissjoni jwassal għal limiti tal-età għall-apps ta' messaġġi. Il-verifika tal-età tagħmel il-komunikazzjoni anonima għaċ-ċittadini li josservaw il-liġi impossibbli.

Emenda 803
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom	***imħassar***

ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni.

Or. en

Emenda 804
Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-sollecitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex ***jidentifikaw*** b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni.	3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-sollecitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ***u proporzjonati*** ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex ***jiġu differenzjati*** b'mod affidabbli l-utenti tfal ***u l-utenti adulti*** fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni ***u jipproteġu l-utenti tfal***. ***Is-sistemi tal-assigurazzjoni tal-età jew tal-verifika tal-età bħala miżura ta' mitigazzjoni għandhom jiġu implimentati biss jekk jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2a ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 805
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Paul Tang, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex ***jidentifikaw*** b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni.	3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex ***jiġu differenzjati*** b'mod affidabbli l-utenti tfal ***u l-utenti adulti*** fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni. ***L-assigurazzjonijiet tal-età jew is-sistemi ta' verifika tal-età bħala miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jiġu implimentati biss jekk jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2a ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 806
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni.	3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni ***u jistabbilixxu miżuri effettivi biex jimblukkaw l-aċċess tat-tfal għal siti web li jaqgħu taħt***

restrizzjoni tal-età applikabbli skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 807
Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu ***l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu*** l-miżuri ta' mitigazzjoni.	3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni ***raġonevoli u proporzjonati***.

Or. en

Emenda 808
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età	3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ***u proporzjonati*** ta' ***assigurazzjoni tal-età u***

sabiex ***jidentifikaw*** b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni.	verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex ***jiġu differenzjati*** b'mod affidabbli l-utenti tfal ***u l-utenti adulti*** fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni ***u jipproteġu lill-utenti tfal***.

Or. en

Emenda 809
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' ***verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni***.	3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' ***sikurezza sa mit-tfassil, inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1a***.

Or. en

Emenda 810
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi	3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3,

tagħhom għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal, ***għandhom jieħdu*** l-miżuri ***neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età*** sabiex jidentifikaw ***b'mod affidabbli*** l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom***, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni***.

riskju ***sistemiku*** ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal, ***jistgħu jieħdu*** l-miżuri ***proporzjonati*** sabiex jidentifikaw l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom ***jew biex jagħtu lill-utent minorenni l-opportunità li jidentifika lilu nnifsu b'mod kunsenswali***.

Or. en

Emenda 811
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Kwalunkwe rekwiżit biex jittieħdu miżuri speċifiċi għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2022/2065 [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] u la għandu jinvolvi obbligu ġenerali għall-fornituri ta' servizzi ta' hosting li jimmonitorjaw l-informazzjoni li jittrażmettu jew jaħżnu, u lanqas obbligu ġenerali li jfittxu b'mod attiv fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attività illegali. Kwalunkwe rekwiżit biex jittieħdu miżuri speċifiċi ma għandux jinkludi obbligu li jintużaw miżuri ta' kontroll ex ante bbażati fuq għodod awtomatizzati jew l-iffiltrar ta' informazzjoni mtella', biex jinterferixxu mas-segretezza tal-komunikazzjonijiet jew jirrestrinġu l-possibbiltà li jintuża servizz b'mod anonimu.

Or. en

Emenda 812
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għandhom dejjem ikunu strettament neċessarji u proporzjonati, u qatt ma għandhom jinvolvu obbligu ta' monitoraġġ ġenerali, obbligu li jitfittex għarfien dwar il-kontenut tal-komunikazzjonijiet privati, għall-kuntrarju tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, u lanqas obbligu għall-forniturі li jfittxu għarfien ta' kontenut illegali.

Or. en

Emenda 813
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Xejn f'dan ir-regolament ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi, jirrestrinġi, jevita jew jimmina l-forniment jew l-użu ta' servizzi kriptati.

Or. en

Emenda 814
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali għandhom jiddeskrivu b’mod ċar fit-termini u fil-kundizzjonijiet tagħhom il-miżuri ta’ mitigazzjoni li jkunu ħadu. ***Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista’ tnaqqas l-effettività tal-miżuri ta’ mitigazzjoni.***	4. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali għandhom jiddeskrivu b’mod ċar fit-termini u fil-kundizzjonijiet tagħhom il-miżuri ta’ mitigazzjoni li jkunu ħadu.

Or. en

Emenda 815
Patrick Breyer
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali għandhom jiddeskrivu b’mod ċar fit-termini ***u fil-kundizzjonijiet*** tagħhom il-miżuri ta’ mitigazzjoni li jkunu ħadu. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li ***tista’*** tnaqqas l-effettività tal-miżuri ta’ mitigazzjoni.	4. ***Meta xieraq,*** il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jiddeskrivu b’mod ċar fit-termini ***tas-servizz*** tagħhom il-miżuri ta’ mitigazzjoni li jkunu ħadu. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li ***x’aktarx*** tnaqqas l-effettività tal-miżuri ta’ mitigazzjoni.

Or. en

Emenda 816
René Repasi, Tiemo Wölken
f’isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f’isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali għandhom jiddeskrivu b’mod ċar fit-termini u fil-kundizzjonijiet tagħhom il-miżuri ta’ mitigazzjoni li jkunu ħadu. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista’ tnaqqas l-effettività tal-miżuri ta’ mitigazzjoni.	4. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jiddeskrivu b’mod ċar fit-termini u fil-kundizzjonijiet tagħhom il-miżuri ta’ mitigazzjoni li jkunu ħadu. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista’ tnaqqas l-effettività tal-miżuri ta’ mitigazzjoni.

Or. en

Emenda 817
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali għandhom jiddeskrivu b’mod ċar fit-termini u fil-kundizzjonijiet tagħhom il-miżuri ta’ mitigazzjoni li jkunu ħadu. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista’ tnaqqas l-effettività tal-miżuri ta’ mitigazzjoni.	4. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jiddeskrivu b’mod ċar fit-termini u fil-kundizzjonijiet tagħhom il-miżuri ta’ mitigazzjoni li jkunu ħadu. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista’ tnaqqas l-effettività tal-miżuri ta’ mitigazzjoni.

Or. en

Emenda 818
René Repasi, Tiemo Wölken
f’isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f’isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni, f’kooperazzjoni	5. Il-Kummissjoni, f’kooperazzjoni

mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2, 3 u 4, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u bil-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni***, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali*** u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2, 3 u 4, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u bil-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu joħroġ ukoll linji gwida dwar il-konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data ta' teknoloġiji eżistenti u futuri li jintużaw għad-detezzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal f'ambjenti kriptati u mhux kriptati. L-awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data għandhom ikunu responsabbli mis-superviżjoni tal-applikazzjoni ta' dawk il-linji gwida. Fir-rigward ta' kwalunkwe teknoloġija speċifika użata għall-fini stabbilit fl-Artikolu 7, iridu jitwettqu valutazzjoni tal-impatt obbligatorja minn qabel fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u proċedura obbligatorja ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kwalunkwe teknoloġija li tintuża jew li għandha tintuża biex jiġi identifikat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fid-dawl tar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE.

Il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ linji gwida dwar kif il-forniturи jistgħu jimplimentaw miżuri ta' verifika tal-età u valutazzjoni tal-età b'rispett sħiħ għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Or. en

Emenda 819
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni ***u ċ-Ċentru*** tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2, 3 u 4, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u bil-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.	5. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni***, iċ-Ċentru*** tal-UE***, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali,*** u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2, 3 u 4, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u bil-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet. ***Il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandhom joħorġu linji gwida dwar kif il-fornituri jistgħu jimplimentaw miżuri ta' verifika tal-età u valutazzjoni tal-età, b'mod partikolari abbażi ta' żvelar selettiv tal-attributi, b'rispett sħiħ għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u r-Regolament (UE) 2016/679.***

Or. en

Emenda 820
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Il-Kummissjoni,*** f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni ***u ċ-Ċentru tal-UE*** u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji	5. ***Iċ-Ċentru tal-UE*** f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-

gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2, 3 u 4***, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u bil-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet***.	applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2, 3 u 4.

Or. en

Emenda 821
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1***, 2, 3 u 4,*** filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u bil-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.	5. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 ***u 2*** filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u bil-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 822
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) għandu joħroġ linji gwida dwar il-konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data ta' teknoloġiji eżistenti u futuri li jintużaw għad-detezzjoni ta' materjal ta'

abbuż sesswali tat-tfal f'ambjenti kriptati u mhux kriptati. L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data għandhom ikunu responsabbli għas-superviżjoni tal-applikazzjoni tal-linji gwida tal-EDPB u għandhom jivvalutaw kwalunkwe teknoloġija użata attwalment jew li se tintuża biex jiġi skennjat il-kontenut tal-komunikazzjonijiet bl-għan li jiġu identifikati s-CSAM jew kwalunkwe tip ieħor ta' kontenut fid-dawl tar-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika).

Or. en

Emenda 823
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Qabel l-użu ta' kwalunkwe teknoloġija speċifika skont dan l-Artikolu, iridu jitwettqu valutazzjoni tal-impatt obbligatorja minn qabel fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u proċedura obbligatorja ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 824
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Meta l-miżuri ta' mitigazzjoni minn fornitur f'konformità mal-paragrafu 1 jirriżultaw ineffettivi jew insuffiċjenti, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandu jkollha s-setgħa li tordna lill-fornitur jikkonforma ma' dan l-Artikolu, inkluż billi tordna lill-fornitur jieħu miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 825
Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu4a
	Rekwiżiti addizzjonali għad-detezzjoni volontarja u t-tneħħija ta' materjal verifikat ta' abbuż sesswali tat-tfal
	1. Il-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali li jieħdu miżuri skont l-Artikolu 4(2) biex jidentifikaw u jneħħu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal b'mod volontarju għandhom:
	a) jagħmlu dan f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) u l-liġi nazzjonali applikabbli dwar l-ipproċessar ta' data personali relatata ma' reati kriminali jew reati kriminali allegati;
	b) jiżguraw li l-ipproċessar ta' data personali jkun limitat għal dak li huwa

strettament meħtieġ għall-fini tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rapportar tal-abbuż sesswali tat-tfal online u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u, sakemm ma jkunx ġie identifikat u kkonfermat l-abbuż sesswali tat-tfal online bħala tali, jitħassar immedjatament;

c) jimplimentaw proċeduri interni biex jiżguraw li materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew sollecitazzjoni tat-tfal, ma jiġix irrappurtat lill-awtoritajiet rilevanti mingħajr konferma umana minn qabel;

d) jikkunsidraw kwalunkwe pproċessar bħal dan ta' data dwar il-kontenut jew it-traffiku li jkun beda wara d-data ta' dan ir-Regolament għandu jitqies bħala riskju kbir għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi għall-finijiet tal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679 u jlestu valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data minn qabel u jikkonsultaw mal-awtorità superviżorja rilevanti tagħhom.

2. Il-fornitur ikun identifika evidenza ta' riskju sinifikanti li s-servizz jintuża għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online fil-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, u li x'aktarx, minkejja kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni li l-fornitur seta' ħa jew li se jieħu, li s-servizz jintuża, b'mod apprezzabbli għad-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

3. Il-fornitur ikun implimenta kontrolli, salvagwardji u miżuri teknoloġiċi u operazzjonali addizzjonali u xierqa mmirati lejn l-identifikazzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u l-użu ta' teknoloġiji f'konformità mal-Artikolu 10 fir-rigward tal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data sa mit-tfassil u b'mod awtomatiku stabbilit fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679.

4. Il-fornitur għandu jabbozza u jissottometti lill-Awtorità ta'

Koordinazzjoni u liċ-Ċentru tal-UE pjan ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-miżuri li beħsiebu jieħu biex jidentifika b'mod volontarju l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluża informazzjoni dettaljata dwar it-teknoloġiji u s-salvagwardji previsti u meta applikabbli, jehmeż l-opinjoni tal-awtorità kompetenti għall-protezzjoni tad-data u jispeċifika kif il-pjan ta' implimentazzjoni ġie aġġustat fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u ta' dik l-opinjoni.

5. Il-fornitur għandu jippubblika u jippreżenta kull sena lill-awtorità superviżorja kompetenti u lill-Kummissjoni rapport dwar l-ipproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament, inkluż dwar it-tip u l-volumi ta' data pproċessata, l-għadd ta' każijiet identifikati, il-miżuri applikati biex jintgħażlu u jittejbu l-indikaturi ewlenin, l-effettività tat-teknoloġiji differenti użati, il-politika taż-żamma u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data applikati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda proposta għandha titqies bħala verżjoni preliminari maħsuba biex tibda diskussjoni bir-reqqa u maħsuba biex tinkludi, iżda wkoll ittejjeb id-detezzjoni volontarja u tippermetti lill-forniturijkomplu bl-isforzi volontarji tagħhom.

Emenda 826
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Bażi ġuridika għall-mitigazzjoni tar-riskju

permezz tal-ipproċessar tal-metadata

1. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju ppreżentata u, meta applikabbli, aktar informazzjoni, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li tawtorizza jew tirrikjedi lil fornitur ta' servizzi ta' hosting jew lil fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali jipproċessa l-metadata sa fejn ikun strettament meħtieġ u proporzjonat biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' użu ħażin tas-servizzi tagħhom għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, bħala miżura ta' mitigazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4.

Meta tivvaluta jekk titlobx l-ipproċessar tal-metadata, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tqis kwalunkwe interferenza mad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data tal-utenti tas-servizz li jinvolvi tali pproċessar u tiddetermina jekk, f'dak il-każ, l-ipproċessar tal-metadata jkunx effettiv fil-mitigazzjoni tar-riskju tal-użu tas-servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li jkun strettament meħtieġ u proporzjonat.

2. Jekk jipproċessaw il-metadata bħala miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju, il-forniturі għandhom jinfurmaw lill-utenti tagħhom dwar tali pproċessar fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, inkluża informazzjoni dwar il-possibbiltà li jressqu lmenti lid-DPA kompetenti dwar l-ipproċessar rilevanti, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, u dwar il-mezzi għal rimedju ġudizzjarju.

Or. en

Emenda 827
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Miżuri speċifiċi għal pjattaformi użati primarjament għat-tixrid ta' kontenut pornografiku
	Meta pjattaforma online tintuża primarjament għat-tixrid ta' kontenut pornografiku ġġenerat mill-utent, il-pjattaforma għandha tieħu l-miżuri tekniċi u organizzattivi neċessarji biex tiżgura:
	a. mekkaniżmi ta' rapportar faċli għall-utent biex jiġi rrapportat il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal allegat;
	b. moderazzjoni professjonali adegwata tal-kontenut uman biex jiġu pproċessati malajr avviżi ta' allegat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;
	c. mekkaniżmi awtomatiċi u elementi tad-disinn tal-interfaċċa biex l-utenti jiġu infurmati dwar ir-riżorsi esterni fir-reġjun tal-utent dwar il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal, il-konsulenza permezz ta' helplines speċjalizzati, l-appoġġ għall-vittmi u r-riżorsi edukattivi minn hotlines u organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tat-tfal;
	d. id-detezzjoni awtomatika ta' tfittxijiet għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, allerti ta' twissijiet u pariri murija lill-utenti li jagħmlu tali tfittxijiet, u l-immarkar tat-tfittxija u tal-utent għall-moderazzjoni tal-bniedem;
	Or. en

Emenda 828
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Article4b
	Miżuri speċifiċi għal servizz ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri fil-logħob
	Il-fornituri tal-logħob online li joperaw servizz tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri fil-logħob tagħhom, u li huma esposti għal ammont sostanzjali ta' abbuż sesswali tat-tfal online, għandhom jieħdu l-miżuri speċifiċi kollha li ġejjin flimkien mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 4:
	1. jipprevjenu lill-utenti milli jibdew kuntatt mhux mitlub ma' utenti oħra;
	2. jiffaċilitaw ir-rapportar faċli għall-utent ta' allegat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;
	3. jipprovdu miżuri u għodod tekniċi li jippermettu lill-utenti jimmaniġġaw il-privatezza, il-viżibbiltà, l-aċċessibbiltà u s-sikurezza tagħhom stess u li huma stabbiliti għall-aktar livelli privati u siguri b'mod awtomatiku;
	4. jipprovdu għodod b'mod prominenti fuq il-pjattaforma tagħhom li jippermettu lill-utenti u lill-vittmi potenzjali jfittxu għajnuna mil-linja ta' assistenza lokali tagħhom.

Or. en

Emenda 829
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
Rapportar dwar ir-riskju	

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jittrażmettu, sa tliet xhur mid-data msemmija fl-Artikolu 3(4), lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment rapport li jispeċifika dan li ġej:

(a) il-proċess u r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3, inkluża l-valutazzjoni ta' kwalunkwe riskju potenzjali li jifdal imsemmi fl-Artikolu 3(5);

(b) kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni meħuda skont l-Artikolu 4.

2. Fi żmien tliet xhur wara li tirċievi r-rapport, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha tevalwah u tiddetermina, fuq dik il-bażi u filwaqt li tqis kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għaliha, jekk il-valutazzjoni tar-riskju tkunx twettqet jew ġietx aġġornata u jkunux ittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4.

3.

Fejn ikun neċessarju għal dik il-valutazzjoni, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tista' titlob aktar informazzjoni mingħand il-fornitur, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien ma għandux ikun itwal minn ġimagħtejn.

Il-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi sospiż sakemm tiġi pprovduta dik l-informazzjoni addizzjonali.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 27 sa 29, meta ma jkunux ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha titlob lill-fornitur iwettaq mill-ġdid jew jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju jew jintroduċi, jirrieżamina, iwaqqaf jew jespandi, kif ikun applikabbli, il-miżuri ta' mitigazzjoni, fi ħdan perjodu ta' żmien

raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien ma għandux ikun itwal minn xahar.

5. Il-fornituri għandhom, meta jittrażmettu r-rapport lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment f'konformità mal-paragrafu 1, jittrażmettu r-rapport ukoll liċ-Ċentru tal-UE.

6. Il-fornituri għandhom, fuq talba, jittrażmettu r-rapport lill-fornituri tal-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, sa fejn ikun neċessarju għall-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2). Meta dan ikun neċessarju, jistgħu jneħħu informazzjoni kunfidenzjali mir-rapporti.

Or. en

Emenda 830
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rapportar dwar ir-riskju	Rapportar dwar ir-riskju ***u sorveljanza***

Or. en

Emenda 831
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni

interpersonali għandhom jittrażmettu, sa tliet xhur mid-data msemmija fl-Artikolu 3(4), lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment rapport li jispeċifika dan li ġej:	interpersonali ***indipendenti min-numri li għalihom japplika l-Artikolu 3*** għandhom jittrażmettu, sa tliet xhur mid-data msemmija fl-Artikolu 3(4), lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment rapport li jispeċifika dan li ġej:

Or. en

Emenda 832
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jittrażmettu, sa tliet xhur mid-data msemmija fl-Artikolu 3(4), lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment rapport li jispeċifika dan li ġej:	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jittrażmettu, sa tliet xhur mid-data msemmija fl-Artikolu 3(4), lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment rapport li jispeċifika dan li ġej:

Or. en

Emenda 833
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jittrażmettu, sa tliet xhur mid-data msemmija fl-Artikolu 3(4), lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jittrażmettu, sa tliet xhur mid-data msemmija fl-Artikolu 3(4), lill-

istabbiliment rapport li jispeċifika dan li ġej:	Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment rapport li jispeċifika dan li ġej:

Or. en

Emenda 834
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jittrażmettu, sa ***tliet xhur*** mid-data msemmija fl-Artikolu 3(4), lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment rapport li jispeċifika dan li ġej:	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jittrażmettu, sa ***xahar*** mid-data msemmija fl-Artikolu 3(4), lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment rapport li jispeċifika dan li ġej:

Or. ro

Emenda 835
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-proċess u r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3***, inkluża l-valutazzjoni ta' kwalunkwe riskju potenzjali li jifdal imsemmi fl-Artikolu 3(5)***;	(a) il-proċess u r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3;

Or. en

Emenda 836
René Repasi, Tiemo Wölken

f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-proċess u r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3***, inkluża l-valutazzjoni ta' kwalunkwe riskju potenzjali li jifdal imsemmi fl-Artikolu 3(5)***;	(a) il-proċess u r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3;

Or. en

Emenda 837
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-proċess u r-riżultati*** tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3, inkluża l-valutazzjoni ta' kwalunkwe riskju ***potenzjali*** li jifdal imsemmi fl-Artikolu 3(5);	(a) ***ir-riżultati*** tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3, inkluża l-valutazzjoni ta' kwalunkwe riskju ***serju sistemiku raġonevolment prevedibbli*** li jifdal imsemmi fl-Artikolu 3(5);

Or. en

Emenda 838
Hilde Vautmans, Maite Pagazaurtundúa, Olivier Chastel, Fabienne Keller, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni meħuda skont l-Artikolu 4.	(b) kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni meħuda ***u dawk li jirrikjedu awtorizzazzjoni*** skont l-Artikolu 4.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Arikolu 4, paragrafu 1a

Emenda 839
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kwalunkwe miżura ***ta' mitigazzjoni*** meħuda skont ***l-Artikolu 4***.	(b) kwalunkwe miżura ***speċifika*** meħuda skont ***l-Artikoli 4, 4a u 4b***.

Or. en

Emenda 840
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fi żmien tliet xhur wara li tirċievi r-rapport, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha tevalwah u tiddetermina, fuq dik il-bażi u filwaqt li tqis kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għaliha, jekk il-valutazzjoni tar-riskju tkunx twettqet jew ġietx aġġornata u jkunux ittieħdu l-miżuri ***ta' mitigazzjoni*** f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4.	2. Fi żmien tliet xhur wara li tirċievi r-rapport, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha tevalwah u tiddetermina, fuq dik il-bażi u filwaqt li tqis kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għaliha, jekk il-valutazzjoni tar-riskju tkunx twettqet jew ġietx aġġornata u jkunux ittieħdu l-miżuri ***speċifiċi u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni*** f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u

4.

Or. en

Emenda 841
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fi żmien ***tliet xhur*** wara li tirċievi r-rapport, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha tevalwah u tiddetermina, fuq dik il-bażi u filwaqt li tqis kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għaliha, jekk il-valutazzjoni tar-riskju tkunx twettqet jew ġietx aġġornata u jkunux ittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4.	2. Fi żmien ***xahar*** wara li tirċievi r-rapport, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha tevalwah u tiddetermina, fuq dik il-bażi u filwaqt li tqis kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għaliha, jekk il-valutazzjoni tar-riskju tkunx twettqet jew ġietx aġġornata u jkunux ittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4.

Or. ro

Emenda 842
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun neċessarju għal dik il-valutazzjoni, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tista' titlob aktar informazzjoni mingħand il-fornitur, ***f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien ma għandux ikun itwal minn ġimagħtejn.***	Fejn ikun neċessarju għal dik il-valutazzjoni, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tista' titlob aktar informazzjoni mingħand il-fornitur, ***mingħajr dewmien żejjed,***

Or. en

Emenda 843
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi sospiż sakemm tiġi pprovduta dik l-informazzjoni addizzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 844
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 27 sa 29, meta ma jkunux ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha titlob lill-fornitur ***iwettaq mill-ġdid jew jagġorna l-valutazzjoni*** tar-riskju jew ***jintroduċi, jirrieżamina, iwaqqaf jew jespandi, kif ikun applikabbli, il-miżuri ta' mitigazzjoni***, fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien ma għandux ikun itwal minn xahar.	4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 27 sa 29, meta ma jkunux ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha titlob lill-fornitur ***jagħmel aġġornamenti speċifiċi għall-valutazzjoni*** tar-riskju jew ***jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li jkun hemm konformità mal-Artikoli 3 u 4***, fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien ma għandux ikun itwal minn xahar. ***Il-fornitur jista' jagħżel it-tip ta' miżuri speċifiċi li għandu jieħu.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex ikun hemm allinjament mar-Regolament dwar il-Kontenut Terroristiku Online, l-għażla

tal-miżuri għandha tkun f'idejn il-fornitur.

Emenda 845
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) Meta l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tqis li l-miżuri ta' mitigazzjoni meħuda ma jikkonformawx mal-Artikolu 4, hija għandha tindirizza deċiżjoni lill-fornitur li tirrikjediha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li jkun hemm konformità mal-Artikolu 4.

Or. en

Emenda 846
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-fornitur jista', fi kwalunkwe ħin, jitlob lill-Awtorità ta' koordinazzjoni kompetenti tirrieżamina u, meta xieraq, temenda jew tirrevoka deċiżjoni kif imsemmi fil-paragrafu 4. L-awtorità għandha, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi t-talba, tadotta deċiżjoni motivata dwar it-talba abbażi ta' fatturi oġġettivi u tinnotifika lill-fornitur b'dik id-deċiżjoni.

Or. en

Emenda 847
René Repasi, Tiemo Wölken

f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-fornituri għandhom, fuq talba, jittrażmettu r-rapport lill-fornituri tal-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, sa fejn ikun neċessarju għall-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2). Meta dan ikun neċessarju, jistgħu jneħħu informazzjoni kunfidenzjali mir-rapporti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 848
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-fornituri għandhom, fuq talba, jittrażmettu r-rapport lill-fornituri tal-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, sa fejn ikun neċessarju għall-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2). Meta dan ikun neċessarju, jistgħu jneħħu informazzjoni kunfidenzjali mir-rapporti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 849
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-fornituri għandhom, fuq talba, jittrażmettu r-rapport lill-fornituri tal-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, sa fejn ikun neċessarju għall-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2). Meta dan ikun neċessarju, jistgħu jneħħu informazzjoni kunfidenzjali mir-rapporti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 850
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri tas-servizz, iċ-Ċentru tal-UE u l-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali kollha li jimmaniġġaw id-data personali tat-tfal jew tal-adulti huma meħtieġa jikkonformaw mal-GDPR.

Or. ro

Emenda 851
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Obbligi għall-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software	
1. Il-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom:	
(a) jagħmlu sforzi raġonevoli sabiex jivvalutaw, fejn possibbli flimkien mal-fornituri tal-applikazzjonijiet tas-software,	

jekk kull servizz offrut permezz tal-applikazzjonijiet tas-software li huma jintermedjaw jippreżentax riskju li jintuża għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal;

(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal;

(c) jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal dwar is-servizzi tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri msemmijin fil-punt (b).

2. Fil-valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1, il-fornitur għandu jqis l-informazzjoni kollha disponibbli, inklużi r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3.

3. Il-forniturі ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni li tiddeskrivi l-proċess u l-kriterji użati għall-valutazzjoni tar-riskju u d-deskrizzjoni tal-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista' tnaqqas l-effettività tal-valutazzjoni ta' dawk il-miżuri.

4. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test propost mill-Kummissjoni jwassal għal limiti tal-età għall-apps ta' messaġġi. Il-verifika tal-età tagħmel il-komunikazzjoni anonima għaċ-ċittadini li josservaw il-liġi impossibbli.

Emenda 852
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Rob Rooken, Paul Tang, Karen Melchior, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Obbligi għall-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software	
1. Il-forniturи ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom:	
(a) jagħmlu sforzi raġonevoli sabiex jivvalutaw, fejn possibbli flimkien mal-forniturи tal-applikazzjonijiet tas-software, jekk kull servizz offrut permezz tal-applikazzjonijiet tas-software li huma jintermedjaw jippreżentax riskju li jintuża għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal;	
(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal;	
(c) jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal dwar is-servizzi tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri msemmijin fil-punt (b).	
2. Fil-valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1, il-fornitur għandu jqis l-informazzjoni kollha disponibbli, inklużi r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju	

mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3.

3. Il-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni li tiddeskrivi l-proċess u l-kriterji użati għall-valutazzjoni tar-riskju u d-deskrizzjoni tal-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista' tnaqqas l-effettività tal-valutazzjoni ta' dawk il-miżuri.

4. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu propost imur kontra l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u jkun ifisser li l-adolexxenti taħt it-18-il sena ma jibqgħux jistgħu jużaw apps komuni b'funzjonijiet ta' komunikazzjoni inkluż Messenger, il-media soċjali, il-logħob jew l-apps tal-vidjokonferenzi - lanqas biex iżommu kuntatt mal-ġenituri tagħhom. Barra minn hekk, il-verifika tal-età tiġbor id-data personali tat-tfal u tesponihom għal divulgazzjonijiet u abbuż probabbli, u b'hekk jiżdied ir-riskju ta' grooming tat-tfal. Is-sena l-oħra biss, id-data personali ta' 500 miljun utent ta' Facebook ġiet esposta online.

Emenda 853
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Obbligi għall-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software	

1. Il-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom:

(a) jagħmlu sforzi raġonevoli sabiex jivvalutaw, fejn possibbli flimkien mal-fornituri tal-applikazzjonijiet tas-software, jekk kull servizz offrut permezz tal-applikazzjonijiet tas-software li huma jintermedjaw jippreżentax riskju li jintuża għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal;

(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal;

(c) jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal dwar is-servizzi tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri msemmijin fil-punt (b).

2. Fil-valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1, il-fornitur għandu jqis l-informazzjoni kollha disponibbli, inklużi r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3.

3. Il-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni li tiddeskrivi l-proċess u l-kriterji użati għall-valutazzjoni tar-riskju u d-deskrizzjoni tal-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista' tnaqqas l-effettività tal-valutazzjoni ta' dawk il-miżuri.

4. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-app stores

ma humiex fl-aħjar pożizzjoni

biex jikkonformaw ma' dawn l-obbligi minħabba

r-restrizzjonijiet tekniċi u legali tagħhom.

Emenda 854
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Obbligi għall-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software	
1. Il-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom:	
(a) jagħmlu sforzi raġonevoli sabiex jivvalutaw, fejn possibbli flimkien mal-fornituri tal-applikazzjonijiet tas-software, jekk kull servizz offrut permezz tal-applikazzjonijiet tas-software li huma jintermedjaw jippreżentax riskju li jintuża għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal;	
(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal;	
(c) jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal dwar is-servizzi tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri msemmijin fil-punt (b).	
2. Fil-valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-	

paragrafu 1, il-fornitur għandu jqis l-informazzjoni kollha disponibbli, inklużi r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3.

3. Il-forniturі ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni li tiddeskrivi l-proċess u l-kriterji użati għall-valutazzjoni tar-riskju u d-deskrizzjoni tal-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista' tnaqqas l-effettività tal-valutazzjoni ta' dawk il-miżuri.

4. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 855
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Obbligi għall-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software	
1. Il-forniturі ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom:	
(a) jagħmlu sforzi raġonevoli sabiex jivvalutaw, fejn possibbli flimkien mal-fornituri tal-applikazzjonijiet tas-software, jekk kull servizz offrut permezz tal-applikazzjonijiet tas-software li huma	

jintermedjaw jippreżentax riskju li jintuża għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal;

(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal;

(c) jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal dwar is-servizzi tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri msemmijin fil-punt (b).

2. Fil-valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1, il-fornitur għandu jqis l-informazzjoni kollha disponibbli, inklużi r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3.

3. Il-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni li tiddeskrivi l-proċess u l-kriterji użati għall-valutazzjoni tar-riskju u d-deskrizzjoni tal-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista' tnaqqas l-effettività tal-valutazzjoni ta' dawk il-miżuri.

4. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 856
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Obbligi għall-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software	
1. Il-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom:	
(a) jagħmlu sforzi raġonevoli sabiex jivvalutaw, fejn possibbli flimkien mal-fornituri tal-applikazzjonijiet tas-software, jekk kull servizz offrut permezz tal-applikazzjonijiet tas-software li huma jintermedjaw jippreżentax riskju li jintuża għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal;	
(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal;	
(c) jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal dwar is-servizzi tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri msemmijin fil-punt (b).	
2. Fil-valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1, il-fornitur għandu jqis l-informazzjoni kollha disponibbli, inklużi r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3.	
3. Il-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni li tiddeskrivi l-proċess u l-kriterji użati għall-valutazzjoni tar-riskju u d-deskrizzjoni tal-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista' tnaqqas l-effettività tal-valutazzjoni ta' dawk il-miżuri.	

4. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn id-dispożizzjonijiet huma f'kontradizzjoni mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

Emenda 857
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Obbligi għall-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software	
1. Il-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom:	
(a) jagħmlu sforzi raġonevoli sabiex jivvalutaw, fejn possibbli flimkien mal-fornituri tal-applikazzjonijiet tas-software, jekk kull servizz offrut permezz tal-applikazzjonijiet tas-software li huma jintermedjaw jippreżentax riskju li jintuża għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal;	
(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju	

sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal;

(c) jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal dwar is-servizzi tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri msemmijin fil-punt (b).

2. Fil-valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1, il-fornitur għandu jqis l-informazzjoni kollha disponibbli, inklużi r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3.

3. Il-forniturі ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni li tiddeskrivi l-proċess u l-kriterji użati għall-valutazzjoni tar-riskju u d-deskrizzjoni tal-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista' tnaqqas l-effettività tal-valutazzjoni ta' dawk il-miżuri.

4. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 858
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-forniturі ta' ħwienet ta'	1. Il-forniturі ta' ħwienet ta'

applikazzjonijiet tas-software għandhom:	applikazzjonijiet tas-software ***meqjusa bħala gwardjani skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali (UE) 2022/1925*** għandhom:

Or. en

Emenda 859
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***jagħmlu sforzi raġonevoli sabiex jivvalutaw, fejn possibbli flimkien mal-fornituri*** tal-applikazzjonijiet ***tas-software, jekk kull servizz offrut permezz tal-applikazzjonijiet tas-software li huma jintermedjaw jippreżentax*** riskju ***li jintuża għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal***;	(a) ***jindikaw, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-iżviluppaturi*** tal-applikazzjonijiet***, jekk l-applikazzjonijiet fihomx karatteristiċi li jistgħu jkunu ta' riskju għat-tfal;***

Or. en

Emenda 860
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini ***tas-sollečitazzjoni*** tat-tfal***;***	(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini ***ta' sfruttament*** tat-tfal ***jew meta l-iżviluppatur tal-applikazzjoni tas-software jkun informa lill-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software li t-termini tal-użu tiegħu ma jippermettux lill-utenti tfal, l-applikazzjoni tas-software jkollha stabbilit mudell xieraq ta' klassifikazzjoni tal-età, jew l-iżviluppatur tal-applikazzjoni***

	tas-software ikun talab lill-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software biex ma jippermettix lill-utenti tfal iniżżlu l-applikazzjonijiet tas-software tiegħu.

Or. en

Emenda 861
Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw*** l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal;	(b) ***jinformaw lill-fornitur ta' applikazzjoni tas-software kkonċernat u liċ-Ċentru tal-UE dwar*** l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal;

Or. en

Emenda 862
Sara Skyttedal, David Lega, Andrey Kovatchev, Tomáš Zdechovský, Stefan Berger, Christian Doleschal, Helmut Geuking, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Johan Nissinen, Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal***;**	(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal ***jew meta:***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif propost mir-rapporteur, jiġu previsti obbligi aktar effettivi u stretti għall-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software.

Emenda 863
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal***;	(b) ***jindikaw, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-iżviluppaturi tal-applikazzjonijiet, jekk ikunux ittieħdu miżuri mill-applikazzjoni biex jiġu mmitigati r-riskji għat-tfal, u liema miżuri jkunu ttieħdu***;

Or. en

Emenda 864
Sara Skyttedal, David Lega, Andrey Kovatchev, Tomáš Zdechovský, Stefan Berger, Christian Doleschal, Helmut Geuking, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Johan Nissinen, Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	i) l-iżviluppatur tal-applikazzjoni tas-software jkun iddeċieda u informa lill-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tiegħu ma jippermettux lill-utenti tfal,

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif propost mir-rapporteur, jiġu previsti obbligi aktar effettivi u stretti għall-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software.

Emenda 865
Sara Skyttedal, David Lega, Andrey Kovatchev, Tomáš Zdechovský, Stefan Berger, Christian Doleschal, Helmut Geuking, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Johan Nissinen, Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b – punt ii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ii) l-applikazzjoni tas-software jkollha stabbilit mudell xieraq ta' klassifikazzjoni tal-età, jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif propost mir-rapporteur, jiġu previsti obbligi aktar effettivi u stretti għall-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software.

Emenda 866
Sara Skyttedal, David Lega, Andrey Kovatchev, Tomáš Zdechovský, Stefan Berger, Christian Doleschal, Helmut Geuking, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Johan Nissinen, Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b – punt iiin (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	iii) l-iżviluppatur tal-applikazzjoni tas-software jkun talab lill-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software biex ma jippermettix lill-utenti tfal iniżżlu l-applikazzjonijiet tas-software tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif propost mir-rapporteur, jiġu previsti obbligi aktar effettivi u stretti għall-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software.

Emenda 867
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal dwar is-servizzi tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri msemmijin fil-punt (b).	***imħassar***

Or. en

Emenda 868
Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jieħdu l-miżuri neċessarji ta' verifika tal-età u ta' valutazzjoni tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal dwar is-servizzi tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri msemmijin fil-punt (b).	***imħassar***

Or. en

Emenda 869
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jindikaw, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-iżviluppaturi tal-applikazzjonijiet, l-età minima għall-użu ta' applikazzjoni, kif stabbilit fit-termini u

	l-kundizzjonijiet tal-fornitur tal-applikazzjoni;

Or. en

Emenda 870
Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-fornituri tal-applikazzjonijiet tas-software li jkunu ġew infurmati li fir-rigward tal-applikazzjonijiet tas-software tagħhom ġie identifikat riskju sinifikanti tal-użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli u proporzjonati.

Or. en

Emenda 871
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1, il-fornitur għandu jqis l-informazzjoni kollha disponibbli, inklużi r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata skont l-Artikolu 3.	***imħassar***

Or. en

Emenda 872
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni li tiddeskrivi l-proċess u l-kriterji użati għall-valutazzjoni tar-riskju u d-deskrizzjoni tal-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1. Dik id-deskrizzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni li tista' tnaqqas l-effettività tal-valutazzjoni ta' dawk il-miżuri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 873
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni ***u ċ-Ċentru*** tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.	4. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni***, iċ-Ċentru*** tal-UE***, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali,*** u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 874
Carles Puigdemont i Casamajó

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Servizzi kriptati u pproċessar tal-metadata
	1. Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi jew idgħajjef il-kriptaġġ minn tarf sa tarf.
	2. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju ppreżentata u, meta applikabbli, aktar informazzjoni, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru biex tawtorizza fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali biex jipproċessa l-metadata sa fejn ikun strettament neċessarju u proporzjonat biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' użu ħażin tas-servizzi tagħhom għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.
	Meta tivvaluta jekk titlobx l-ipproċessar tal-metadata, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tqis kwalunkwe interferenza mad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data tal-utenti tas-servizz li jinvolvi tali pproċessar u tiddetermina jekk, f'dak il-każ, l-ipproċessar tal-metadata jkunx effettiv fil-mitigazzjoni tar-riskju tal-użu tas-servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li jkun strettament meħtieġ u proporzjonat.
	3. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, il-fornituri għandhom jinformaw lill-utenti b'tali pproċessar fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, inkluża informazzjoni dwar il-possibbiltà li jressqu lmenti lill-awtoritajiet kompetenti tal-ipproċessar tad-data dwar l-ipproċessar rilevanti u dwar il-mezzi għal rimedju ġudizzjarju.

Or. en

Emenda 875
Sara Skyttedal, David Lega, Andrey Kovatchev, Tomáš Zdechovský, Stefan Berger, Christian Doleschal, Helmut Geuking, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Johan Nissinen, Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Karen Melchior, Lukas Mandl, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Servizzi kriptati minn tarf sa tarf
	Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jiġi interpretat li jipprojbixxi jew jikkomprommetti l-integrità u l-kunfidenzjalità ta' kontenut u komunikazzjonijiet kriptati minn tarf sa tarf. Bħala li jikkomprommetti l-integrità tal-kontenut kriptat minn tarf sa tarf u l-komunikazzjonijiet għandu jinftiehem l-ipproċessar ta' kwalunkwe data li tikkomprommetti jew tpoġġi f'riskju l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-kontenut u l-komunikazzjonijiet fil-kriptaġġ minn tarf sa tarf. Għalhekk, xejn f'dan ir-regolament ma għandu jiġi interpretat li jiġġustifika skennjar min-naħa tal-klijent b'divulgazzjonijiet minn kanali sekondarji jew miżuri oħra li permezz tagħhom il-fornitur ta' servizz ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali jipprovdi lil atturi terzi aċċess għall-kontenut kriptat minn tarf sa tarf.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li d-distinzjoni bejn kontenut kriptat minn tarf sa tarf u komunikazzjonijiet kriptati minn tarf sa tarf, kif introdotta mir-rapporteur fl-emenda 106 tal-Kumitat LIBE, hija milqugħa, hija meħtieġa formulazzjoni aktar b'saħħitha dwar l-importanza fundamentali tal-integrità u l-kunfidenzjalità ta' kontenut u komunikazzjonijiet kriptati minn tarf sa tarf. Dan

huwa l-każ b'mod partikolari fir-rigward tal-każijiet ta' skennjar min-naħa tal-klijent bi tnixxijiet minn kanali sekondarji, dan huwa eżempju ta' prattika li, filwaqt li mhux neċessarjament "iddgħajjef" il-kriptaġġ minn tarf sa tarf, xorta tpoġġi l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-kontenut kriptat u tal-komunikazzjonijiet minn tarf sa tarf f'riskju.

Emenda 876
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst, Sara Skyttedal, Jessica Polfjärd, Tomas Tobé, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Servizzi kriptati minn tarf sa tarf
	Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jiġi interpretat li jipprojbixxi, idgħajjef jew jikkomprommetti l-integrità u l-kunfidenzjalità ta' kontenut u komunikazzjonijiet kriptati minn tarf sa tarf. Għalhekk, xejn f'dan ir-regolament ma għandu jiġi interpretat li jiġġustifika skennjar min-naħa tal-klijent b'divulgazzjonijiet minn kanali sekondarji jew miżuri oħra li permezz tagħhom il-fornitur ta' servizz ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali jipprovdi lil atturi terzi aċċess għal kontenut kriptat minn tarf sa tarf. L-ebda fornitur ta' servizz ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ma għandu jiġi mġiegħel jippermetti jew joħloq aċċess għal komunikazzjonijiet billi jevita l-awtentikazzjoni jew il-kriptaġġ tal-utent skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 877
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Servizzi kriptati u pproċessar tal-metadata
	1. Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi jew idgħajjef il-kriptaġġ minn tarf sa tarf.

Or. en

Emenda 878
Charlie Weimers, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6b
	Ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software
	1.Il-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom:
	(a) jieħdu miżuri raġonevoli biex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti tal-użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal;

Or. en

Emenda 879
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 880
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 881
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 882
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst, Jessica Polfjärd, Tomas Tobé, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni	Ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni ***mmirati***

Or. en

Emenda 883
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ħruġ ta' ***ordnijiet*** ta' detezzjoni	Ħruġ ta' ***mandati*** ta' detezzjoni

Or. en

Emenda 884
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni		*Emenda*	
7	Ħruġ ta' ***ordnijiet*** ta' detezzjoni	7	Ħruġ ta' ***mandati*** ta' detezzjoni

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kelma "ordni" b'rabta ma' Ordnijiet ta' detezzjoni trid dejjem tiġi sostitwita b' "mandati".

Emenda 885
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali	***imħassar***

taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku.

Or. en

Emenda 886
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità*** ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun ***iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni*** ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat ***l-abbuż*** sesswali tat-tfal ***online fuq servizz*** speċifiku.	1. ***Awtorità*** ġudizzjarja kompetenti ***tista' toħroġ, wara talba mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni*** tal-Istat Membru li jkun ***iddeżinja l-awtorità ġudizzjarja, mandat*** ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat ***materjal ta' abbuż*** sesswali tat-tfal ***relatat ma' tagħmir terminali speċifiku jew kont tal-utent*** speċifiku***, fejn ikun hemm suspett raġonevoli li tali kontenut jinħażen f'dak it-tagħmir terminali jew f'dak il-kont tal-utent***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha tiġi interpretata bħala li tbiddel il-kliem "ordnijiet ta' detezzjoni" f'dan l-Artikolu u f'dan ir-Regolament kollu għal "mandati ta' detezzjoni". L-identifikazzjoni tiġġustifika apparati speċifiċi jew kontijiet tal-utent speċifiċi ta' individwu suspettat li kontrih ikun hemm suspett raġonevoli li għandu "materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal". Dawn il-mandati jistgħu jinħarġu biss mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

Emenda 887
René Repasi, Tiemo Wölken

f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha ***jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru*** sabiex toħroġ ***ordni*** ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat ***l-abbuż*** sesswali tat-tfal ***online fuq servizz*** speċifiku.	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha ***biex tqis jekk*** sabiex toħroġ ***mandat*** ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat ***materjal ta' abbuż*** sesswali tat-tfal ***marbut ma' tagħmir terminali*** speċifiku ***jew kontijiet speċifiċi tal-utenti fejn ikun hemm suspett raġonevoli li tali kontenut ikun f'dak il-kont tal-utent jew fuq dak it-tagħmir terminali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kull mandat ta' detezzjoni għandu jkun immirat u għandu jinbeda biss meta jkun hemm suspett raġonevoli.

Emenda 888
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst, Jessica Polfjärd, Tomas Tobé, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti

tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha ***jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru*** sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex ***jiġi identifikat l-abbuż*** sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku.	tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni ***mmirata*** li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex ***jiġu identifikati każijiet individwali ta' abbuż*** sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku. ***L-ambitu ta' ordni ta' detezzjoni mmirata għandu jkun limitat għal utenti individwali jew gruppi ta' utenti li għalihom hemm evidenza li tissuġġerixxi li l-imġiba tagħhom jista' jkollha rabta ma' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE, ordnijiet li jkunu ġenerali u indiskriminati x'aktarx li jiksru l-prinċipju tal-proporzjonalità. Għalhekk, l-ordnijiet ta' detezzjoni għandhom ikunu limitati għal każijiet individwali fejn x'aktarx ikun hemm kawża ta' reati (ara l-paragrafu 66 tal-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill (Dok. 8787/23)).

Emenda 889
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Rob Rooken, Paul Tang, Karen Melchior, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha ***jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru*** sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat ***l-abbuż*** sesswali tat-	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri disponibbli għall-pubbliku*** taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat ***materjal ta' abbuż*** sesswali

tfal ***online fuq servizz speċifiku***.	tat-tfal ***f'immaġnijiet jew vidjos li jinsabu fl-uploads jew fil-komunikazzjonijiet ta' utent speċifiku wieħed jew aktar ta' dak is-servizz, meta jkun hemm suspett raġonevoli ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal imwettqa minn dawn l-utenti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà ta' tiftix awtomatizzat tal-messaġġi privati kollha mibgħuta permezz ta' servizz jew parti minn servizz tikkostitwixxi sorveljanza tal-massa mhux immirata tal-komunikazzjonijiet privati ta' miljuni ta' persuni li lanqas biss huma marbuta xejn mal-isfruttament sesswali tat-tfal, tikser id-drittijiet fundamentali u tirriżulta fl-annullament tar-reġim kollu ta' identifikazzjoni fil-qorti, u tonqos milli tipproteġi aħjar lit-tfal. It-tiftix indiskriminat ta' data ospitata jikser il-projbizzjoni ta' monitoraġġ ġenerali. L-interċettazzjoni tal-komunikazzjonijiet u l-uploads ta' persuni suspettati b'ordni tal-qorti u l-użu tat-teknoloġija biex jiġu ffiltrati immaġnijiet u vidjos għal CSAM potenzjali hija ġġustifikata. Ma hemm l-ebda teknoloġija awtomatizzata affidabbli, trasparenti u vverifikata b'mod indipendenti biex tfittex is-sollecitazzjoni tat-tfal.

Emenda 890
Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha ***jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru*** sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku.	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku ***fl-attivitajiet online ta' persuni suspettati li huma involuti f'abbuż sesswali tat-tfal u persuni skwalifikati milli jeżerċitaw attivitajiet li jinvolvu lit-tfal***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni 8787/23 tas-servizz legali tal-Kunsill, jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jżomm komunikazzjonijiet interpersonali fl-ambitu tar-reġim tal-ordni ta' detezzjoni, ir-reġim għandu jkun immirat b'tali mod li japplika għal persuni li fir-rigward tagħhom ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li huma b'xi mod involuti, li wettqu jew wettqu reat ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew li għandhom rabta, tal-inqas indirettament, mat-twettiq ta' reati ta' abbuż sesswali.

Emenda 891
Charlie Weimers, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob ***lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat*** Membru ***li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru sabiex*** toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu ***l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10*** sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online ***fuq servizz speċifiku***.	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob ***qorti tal-ġustizzja ta' Stat*** Membru toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu ***miżuri*** sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online ***fejn x'aktarx ikun hemm kawża ta' suspett ta' attività illegali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara li qorti tal-ġustizzja jeħtiġilha toħroġ l-ordni ta' detezzjoni.

Emenda 892
Maite Pagazaurtundúa, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha ***jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru*** sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku.	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku.

Or. en

Emenda 893
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha ***jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru*** sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku.	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni ***mmirata*** li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku.

Or. en

Emenda 894
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku.	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat ***u pprevenut*** l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku.

Or. en

Emenda 895
Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li tawtorizza lill-fornitur l-użu volontarju ta' teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sa fejn ikun strettament meħtieġ biex jiġi identifikat, irrappurtat u jitneħħa l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' użu ħażin tas-servizzi tagħhom għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, wara valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-fornitur skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. Huwa għandu jkollu s-setgħa li jiddefinixxi t-termini ta' awtorizzazzjoni għall-fornitur biex jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 biex jidentifika l-abbuż sesswali tat-tfal

online fuq servizz speċifiku.

Or. en

Emenda 896
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-ordnijiet ta' detezzjoni għandhom ikunu mmirati biss lejn fornituri ta' servizzi ta' hosting jew fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri li jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti deskritti fl-Artikoli 3, 4 u 5 ta' dan ir-Regolament. Dawn għandhom jinħarġu biss ladarba l-miżuri kollha fl-artikoli msemmija hawn fuq ikunu ġew eżawriti u jkollhom fil-mira fornituri li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jkollhom il-kapaċità teknika u operazzjonali li jaġixxu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ordnijiet ta' detezzjoni jistgħu jkunu estremament invażivi għall-privatezza tal-utenti u għad-drittijiet fundamentali, bħall-protezzjoni tal-isfera personali tagħhom. Din l-emenda għandha l-għan li tibbilanċjaha billi tiżgura li l-ordni msemmija tiġi bħala miżura tal-aħħar istanza u ma tiġix imposta b'mod awtomatiku fuq fornitur. Huma biss il-fornituri li jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti fl-Artikoli 3, 4 u 5 li jistgħu jiġu mmirati, u huma biss dawk li għandhom il-kapaċità li jaġixxu li huma mistennija li jagħmlu dan.

Emenda 897
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Rob Rooken, Paul Tang, Karen Melchior, Cristian Terheş

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-komunikazzjonijiet interpersonali li għalihom jiġi applikat, ġie applikat jew se jiġi applikat kriptaġġ minn tarf sa tarf, ma għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi eskluż b'mod espliċitu l-iskennjar min-naħa tal-klijenti u l-iżvelar ta' komunikazzjonijiet privati fuq apparati personali qabel ma jiġi applikat il-kriptaġġ minn tarf sa tarf maħsub, jew wara li jiġi riċevut messaġġ kriptat minn tarf sa tarf. Dan iservi biex jipproteġi l-kunfidenzjalità u l-integrità ta' apparati personali li għandhom jaħdmu għal sidhom, u mhux kontrihom.

Emenda 898
Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Tali ordni ta' detezzjoni għandha, sa fejn ikun possibbli, tkun ristretta u speċifikata, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' detezzjoni tal-massa permezz tas-servizzi kollha.

Or. en

Emenda 899
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, qabel ma titlob il-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni, twettaq l-investigazzjonijiet u l-valutazzjonijiet neċessarji sabiex tiddetermina jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4.	***imħassar***
Għal dak l-għan, tista', fejn xieraq, titlob lill-fornitur jissottometti l-informazzjoni neċessarja, minbarra r-rapport u l-informazzjoni ulterjuri msemmijin fl-Artikolu 5(1) u (3), rispettivament, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, jew titlob liċ-Ċentru tal-UE, lil awtorità pubblika oħra jew lil esperti jew entitajiet rilevanti sabiex jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali neċessarja.	

Or. en

Emenda 900
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment ***għandha, qabel ma titlob il-ħruġ ta'*** ordni ta' detezzjoni***, twettaq l-investigazzjonijiet u l-valutazzjonijiet neċessarji sabiex tiddetermina jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4***.	***It-talba tal-Awtorità*** ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment ***għal*** ordni ta' detezzjoni ***mmirata għandha tinkludi kwalunkwe evidenza li tissuġġerixxi mġiba individwali jew kollettiva li tistabbilixxi rabta ma' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal, b'mod partikolari reati preċedenti***.

Or. en

Emenda 901
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, qabel ma titlob il-ħruġ ta' ***ordni*** ta' detezzjoni, twettaq l-investigazzjonijiet u l-valutazzjonijiet neċessarji sabiex tiddetermina jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4.	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, qabel ma titlob il-ħruġ ta' ***mandat*** ta' detezzjoni, twettaq l-investigazzjonijiet u l-valutazzjonijiet neċessarji sabiex tiddetermina jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4.

Or. en

Emenda 902
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, qabel ma titlob il-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni, twettaq ***l-investigazzjonijiet u*** l-valutazzjonijiet neċessarji sabiex tiddetermina jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4.	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, qabel ma titlob il-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni, twettaq l-valutazzjonijiet neċessarji sabiex tiddetermina jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4.

Or. en

Emenda 903
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak l-għan, tista', fejn xieraq, titlob lill-fornitur jissottometti ***l-informazzjoni neċessarja, minbarra r-rapport u l-***	Għal dak l-għan, tista', fejn xieraq, titlob lill-fornitur jissottometti ***evidenza*** f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-

informazzjoni ulterjuri msemmijin fl-Artikolu 5(1) u (3), rispettivament, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, jew titlob liċ-Ċentru tal-UE, lil awtorità pubblika oħra jew lil esperti jew entitajiet rilevanti sabiex jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali neċessarja.

Awtorità ta' Koordinazzjoni, jew titlob liċ-Ċentru tal-UE, lil awtorità pubblika oħra jew lil esperti jew entitajiet rilevanti sabiex jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali neċessarja.

Or. en

Emenda 904
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak l-għan, tista', fejn xieraq, titlob lill-fornitur jissottometti l-informazzjoni neċessarja, minbarra r-rapport u l-informazzjoni ulterjuri msemmijin fl-Artikolu 5(1) u (3), rispettivament, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, jew titlob ***liċ-Ċentru tal-UE,*** lil awtorità pubblika oħra jew lil esperti jew entitajiet rilevanti sabiex jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali neċessarja.	Għal dak l-għan, tista', fejn xieraq, titlob lill-fornitur jissottometti l-informazzjoni neċessarja, minbarra r-rapport u l-informazzjoni ulterjuri msemmijin fl-Artikolu 5(1) u (3), rispettivament, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, jew titlob lil awtorità pubblika oħra jew lil esperti jew entitajiet rilevanti sabiex jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali neċessarja.

Or. en

Emenda 905
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Ir-raġunijiet għall-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni għandhom jisbqu l-konsegwenzi negattivi għad-drittijiet u għall-interessi leġittimi tal-partijiet kollha

affettwati, meta titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali ta' dawk il-partijiet. L-ordni għandha tkun l-aħħar miżura u għandha tinħareġ abbażi ta' analiżi ta' każ b'każ.

Or. en

Emenda 906
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 907
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 908
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-	Meta l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-

istabbiliment tkun tal-fehma ***preliminari*** li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4, hija għandha:	istabbiliment tkun tal-fehma li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4, hija għandha:

Or. en

Emenda 909
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tistabbilixxi abbozz ta' talba għall-ħruġ ta' ***ordni*** ta' detezzjoni, li jispeċifika l-elementi ewlenin tal-kontenut ***tal-ordni*** ta' detezzjoni li jkollha l-ħsieb li titlob u r-raġunijiet għat-talba tagħha;	(a) tistabbilixxi abbozz ta' talba ***lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li ddeżinjaha*** għall-ħruġ ta' ***mandat*** ta' detezzjoni, li jispeċifika l-elementi ewlenin tal-kontenut ***tal-mandat*** ta' detezzjoni li jkollha l-ħsieb li titlob u r-raġunijiet għat-talba tagħha;

Or. en

Emenda 910
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tistabbilixxi abbozz ta' talba għall-ħruġ ta' ***ordni*** ta' detezzjoni, li jispeċifika l-elementi ewlenin tal-kontenut ***tal-ordni*** ta' detezzjoni li jkollha l-ħsieb li titlob u r-raġunijiet għat-talba tagħha;	(a) tistabbilixxi abbozz ta' talba ***lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li ddeżinjaha*** għall-ħruġ ta' ***mandat*** ta' detezzjoni, li jispeċifika l-elementi ewlenin tal-kontenut ***tal-mandat*** ta' detezzjoni li jkollha l-ħsieb li titlob u r-raġunijiet għat-talba tagħha;

Or. en

Emenda 911
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tistabbilixxi abbozz ta' talba għall-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni, li jispeċifika l-elementi ewlenin tal-kontenut tal-ordni ta' detezzjoni li jkollha l-ħsieb li titlob u r-raġunijiet għat-talba tagħha;	(a) tistabbilixxi abbozz ta' talba għall-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni, li jispeċifika ***r-raġunijiet fattwali u legali li fuqhom hija bbażata t-talba,*** l-elementi ewlenin tal-kontenut tal-ordni ta' detezzjoni li jkollha l-ħsieb li titlob u r-raġunijiet għat-talba tagħha;

Or. en

Emenda 912
Charlie Weimers, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tistabbilixxi abbozz ta' talba għall-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni, li jispeċifika l-elementi ewlenin tal-kontenut tal-ordni ta' detezzjoni li jkollha l-ħsieb li titlob u r-raġunijiet għat-talba tagħha;	(a) tistabbilixxi abbozz ta' talba għall-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni, li jispeċifika ***s-suspettati u/jew l-attivitajiet fil-mira,*** l-elementi ewlenin tal-kontenut tal-ordni ta' detezzjoni li jkollha l-ħsieb li titlob u r-raġunijiet għat-talba tagħha;

Or. en

Emenda 913
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) tissottometti l-abbozz tat-talba lill-fornitur u liċ-Ċentru tal-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 914
Tiemo Wölken, René Repasi
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tissottometti l-abbozz tat-talba ***lill-fornitur u liċ-Ċentru tal-UE***;	(b) tissottometti l-abbozz tat-talba ***lill-awtoritajiet superviżorji maħtura skont il-Kapitolu VI, Taqsima 1, tar-Regolament (UE) 2016/678 u titlobha twettaq il-kompiti tagħha fi ħdan il-kompetenza skont il-Kapitolu VI, Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2016/678. u jipprovdi l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz tat-talba, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni***;

Or. en

Emenda 915
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tagħti lill-fornitur l-opportunità li jikkummenta dwar l-abbozz tat-talba, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit	***imħassar***

minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni;

Or. en

Emenda 916
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tagħti lill-fornitur l-opportunità li jikkummenta dwar l-abbozz tat-talba, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 917
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tagħti lill-fornitur l-opportunità li jikkummenta dwar l-abbozz tat-talba, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 918
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(d) tistieden liċ-Ċentru tal-UE jipprovdi l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz tat-talba, fi żmien erba' ġimgħat mid-data li fiha jirċievi l-abbozz tat-talba.	***imħassar***

Or. en

Emenda 919
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tistieden liċ-Ċentru tal-UE jipprovdi l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz tat-talba, fi żmien erba' ġimgħat mid-data li fiha jirċievi l-abbozz tat-talba.	***imħassar***

Or. en

Emenda 920
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tistieden liċ-Ċentru tal-UE jipprovdi l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz tat-talba, fi żmien ***erba' ġimgħat*** mid-data li fiha jirċievi l-abbozz tat-talba.	(d) tistieden liċ-Ċentru tal-UE jipprovdi l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz tat-talba, fi żmien ***ġimagħtejn*** mid-data li fiha jirċievi l-abbozz tat-talba.

Or. ro

Emenda 921
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Titlob lill-awtoritajiet superviżorji maħtura skont il-Kapitolu VI, Taqsima 1, tar-Regolament (UE) 2016/678 biex iwettqu l-kompiti tagħhom fi ħdan il-kompetenza skont il-Kapitolu VI, Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2016/678 u jipprovdu l-opinjoni tagħhom dwar l-abbozz. talba, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni;

Or. en

Emenda 922
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, wara li jitqiesu l-kummenti tal-fornitur u l-opinjoni taċ-Ċentru tal-UE, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4 ikunu ġew issodisfati, hija għandha tissottometti mill-ġdid l-abbozz tat-talba, aġġustat fejn xieraq, lill-fornitur. F'dak il-każ, il-fornitur għandu jagħmel dan kollu li ġej, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni:	***imħassar***
(a) ifassal pjan ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-miżuri li jipprevedi li se jieħu sabiex iwettaq l-ordni ta' detezzjoni ppjanata, inkluża informazzjoni dettaljata dwar it-teknoloġiji u s-salvagwardji previsti;	
(b) meta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni jikkonċerna ordni ta'	

detezzjoni ppjanata li tikkonċerna s-sollečitazzjoni tat-tfal għajr it-tiġdid ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa qabel mingħajr ebda bidla sostantiva, iwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;

(c) meta jkun japplika l-punt (b), jew meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, jaġġusta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni, fejn neċessarju fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u sabiex iqis l-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data pprovduta b'reazzjoni għall-konsultazzjoni minn qabel;

(d) jissottometti lil dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni l-pjan ta' implimentazzjoni, filwaqt li, fejn applikabbli, jehmeż l-opinjoni tal-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data u jispeċifika kif il-pjan ta' implimentazzjoni ġie aġġustat fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u ta' dik l-opinjoni.

Or. en

Emenda 923
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, wara li jitqiesu l-kummenti tal-fornitur u l-opinjoni taċ-Ċentru tal-UE, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4 ikunu ġew issodisfati, hija għandha tissottometti mill-ġdid l-abbozz	***imħassar***

tat-talba, aġġustat fejn xieraq, lill-fornitur. F'dak il-każ, il-fornitur għandu jagħmel dan kollu li ġej, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni:

(a) ifassal pjan ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-miżuri li jipprevedi li se jieħu sabiex iwettaq l-ordni ta' detezzjoni ppjanata, inkluża informazzjoni dettaljata dwar it-teknoloġiji u s-salvagwardji previsti;

(b) meta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni jikkonċerna ordni ta' detezzjoni ppjanata li tikkonċerna s-sollečitazzjoni tat-tfal għajr it-tiġdid ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa qabel mingħajr ebda bidla sostantiva, iwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;

(c) meta jkun japplika l-punt (b), jew meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, jaġġusta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni, fejn neċessarju fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u sabiex iqis l-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data pprovduta b'reazzjoni għall-konsultazzjoni minn qabel;

(d) jissottometti lil dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni l-pjan ta' implimentazzjoni, filwaqt li, fejn applikabbli, jehmeż l-opinjoni tal-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data u jispeċifika kif il-pjan ta' implimentazzjoni ġie aġġustat fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u ta' dik l-opinjoni.

Or. en

Emenda 924
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, wara li ***jitqiesu l-kummenti tal-fornitur u*** l-opinjoni taċ-Ċentru tal-UE, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4 ikunu ġew issodisfati, hija għandha ***tissottometti mill-ġdid l-abbozz tat-talba***, ***aġġustat*** fejn xieraq, lill-fornitur. ***F'dak il-każ***, il-fornitur ***għandu*** jagħmel dan kollu li ġej, f'perjodu ta' żmien raġonevoli ***stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni***:	Meta, wara li ***titqies*** l-opinjoni taċ-Ċentru tal-UE, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4 ikunu ġew issodisfati, hija għandha ***titlob il-validazzjoni ġudizzjarja tal-ordni ta' detezzjoni mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti responsabbli mill-ħruġ ta' tali ordnijiet skont il-paragrafu 4. Malli tirċievi l-validazzjoni ġudizzjarja tal-ordni, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tissottometti l-ordni, aġġustat*** fejn xieraq, lill-fornitur. ***Qabel ma titlob il-validazzjoni ġudizzjarja tal-ordni ta' sejbien, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha titlob*** il-fornitur jagħmel dan kollu li ġej, f'perjodu ta' żmien raġonevoli:

Or. en

Emenda 925
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, wara li jitqiesu l-kummenti tal-fornitur u l-opinjoni taċ-Ċentru tal-UE, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4 ikunu ġew issodisfati, hija għandha tissottometti mill-ġdid l-abbozz tat-talba, aġġustat fejn xieraq, lill-fornitur. F'dak il-każ, il-fornitur għandu jagħmel dan kollu li ġej, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit	Meta, wara li jitqiesu l-kummenti tal-fornitur u l-opinjoni taċ-Ċentru tal-UE***, u b'mod partikolari filwaqt li titqies il-valutazzjoni tal-Kumitat Tekniku taċ-Ċentru tal-UE kif imsemmi fl-Artikolu 66(6)(a ĠDID)***, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4 ikunu ġew issodisfati, hija għandha tissottometti mill-

minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni:	ġdid l-abbozz tat-talba, aġġustat fejn xieraq, lill-fornitur. F'dak il-każ, il-fornitur għandu jagħmel dan kollu li ġej, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni:

Or. en

Emenda 926
Tiemo Wölken, René Repasi
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, wara li jitqiesu l-kummenti ***tal-fornitur u l-opinjoni taċ-Ċentru tal-UE***, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4 ikunu ġew issodisfati, hija għandha tissottometti mill-ġdid l-abbozz tat-talba, aġġustat fejn xieraq***, lill-fornitur. F'dak il-każ, il-fornitur għandu jagħmel dan kollu li ġej, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni***:	Meta, wara li jitqiesu l-kummenti ***tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti maħtura skont il-Kapitolu VI, Taqsima 1, tar-Regolament (UE) 2016/678***, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4 ikunu ġew issodisfati, hija għandha tissottometti mill-ġdid l-abbozz tat-talba, aġġustat fejn xieraq ***u għandha***:

Or. en

Emenda 927
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ifassal pjan ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-miżuri li jipprevedi li se jieħu sabiex iwettaq l-ordni ta' detezzjoni	***imħassar***

ppjanata, inkluża informazzjoni dettaljata dwar it-teknoloġiji u s-salvagwardji previsti;

Or. en

Emenda 928
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ifassal pjan ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-miżuri li jipprevedi li se jieħu sabiex iwettaq l-ordni ta' detezzjoni ppjanata, inkluża informazzjoni dettaljata dwar it-teknoloġiji u s-salvagwardji previsti;	(a) ifassal pjan ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-miżuri li jipprevedi li se jieħu sabiex iwettaq l-ordni ta' detezzjoni ppjanata, inkluża informazzjoni dettaljata dwar it-teknoloġiji u s-salvagwardji previsti; ***il-pjan ta' implimentazzjoni għandu jistabbilixxi b'mod espliċitu l-miżuri speċifiċi li l-fornitur beħsiebu jieħu biex jiġġieled kontra r-riskju potenzjali tas-sigurtà li jista' jkun marbut mal-eżekuzzjoni tal-ordni ta' detezzjoni fuq is-servizzi tiegħu. Il-fornitur jista' jikkonsulta liċ-Ċentru tal-UE, u b'mod partikolari lill-Kumitat tat-Teknoloġija tiegħu, biex jikseb appoġġ fl-identifikazzjoni ta' miżuri xierqa f'dan ir-rigward;***

Or. en

Emenda 929
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) ifassal pjan ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-miżuri li jipprevedi li se jieħu sabiex iwettaq l-ordni ta' detezzjoni ppjanata, inkluża informazzjoni dettaljata dwar it-teknoloġiji u s-salvagwardji previsti;	(a) ifassal pjan ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi ***l-persuna jew il-persuni speċifiċi li l-awtorità beħsiebha tinvestiga,*** l-miżuri li jipprevedi li se jieħu sabiex iwettaq l-ordni ta' detezzjoni ppjanata, inkluża informazzjoni dettaljata dwar it-teknoloġiji u s-salvagwardji previsti;

Or. en

Emenda 930
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ifassal pjan ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-miżuri li jipprevedi li se jieħu sabiex iwettaq ***l-ordni*** ta' detezzjoni ppjanata, inkluża informazzjoni dettaljata dwar it-teknoloġiji u s-salvagwardji previsti;	(a) ifassal pjan ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-miżuri li jipprevedi li se jieħu sabiex iwettaq ***il-mandat*** ta' detezzjoni ppjanata, inkluża informazzjoni dettaljata dwar it-teknoloġiji u s-salvagwardji previsti;

Or. en

Emenda 931
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni jikkonċerna ordni ta' detezzjoni ppjanata li tikkonċerna s-sollečitazzjoni tat-tfal għajr it-tiġdid ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa qabel mingħajr ebda bidla sostantiva, iwettaq	***imħassar***

valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 932
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***meta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni jikkonċerna ordni ta' detezzjoni ppjanata li tikkonċerna s-sollečitazzjoni tat-tfal għajr it-tiġdid ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa qabel mingħajr ebda bidla sostantiva, iwettaq*** valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;	(b) ***jitlob*** valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 933
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) meta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni jikkonċerna ordni ta' detezzjoni ppjanata li tikkonċerna ***s-sollečitazzjoni tat-tfal*** għajr it-tiġdid ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa qabel mingħajr ebda bidla sostantiva, iwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;	(b) meta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni jikkonċerna ordni ta' detezzjoni ppjanata li tikkonċerna ***s-suspett raġonevoli li t-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal isir minn utent speċifiku wieħed jew aktar, u meta*** għajr it-tiġdid ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa qabel mingħajr ebda bidla sostantiva, iwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 934
Karolin Braunsberger-Reinhold

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni jikkonċerna ordni ta' detezzjoni ppjanata li tikkonċerna s-sollečitazzjoni tat-tfal għajr it-tiġdid ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa qabel mingħajr ebda bidla sostantiva, iwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;	(b) meta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni jikkonċerna ordni ta' detezzjoni ppjanata li tikkonċerna s-sollečitazzjoni tat-tfal għajr it-tiġdid ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa qabel mingħajr ebda bidla sostantiva, iwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data***, valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet tat-tfal tar-riskji ta' abbuż sesswali tat-tfal*** u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 935
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni jikkonċerna ordni ta' detezzjoni ppjanata li tikkonċerna s-sollečitazzjoni tat-tfal għajr it-tiġdid ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa qabel mingħajr ebda bidla sostantiva, iwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;	(b) meta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni jikkonċerna ***materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal u*** s-sollečitazzjoni tat-tfal għajr it-tiġdid ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa qabel mingħajr ebda bidla sostantiva, iwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 936
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta jkun japplika l-punt (b), jew meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, jaġġusta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni, fejn neċessarju fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u sabiex iqis l-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data pprovduta b'reazzjoni għall-konsultazzjoni minn qabel;	***imħassar***

Or. en

Emenda 937
René Repasi, Tiemo Wölken

f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
(c) ***meta jkun japplika l-punt (b), jew meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679,*** jaġġusta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni, fejn neċessarju fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u sabiex iqis l-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data pprovduta b'reazzjoni għall-konsultazzjoni minn qabel;	(c) jaġġusta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni, fejn neċessarju fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u sabiex iqis l-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data pprovduta b'reazzjoni għall-konsultazzjoni minn qabel;

Or. en

Emenda 938
Karolin Braunsberger-Reinhold

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta jkun japplika l-punt (b), jew meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, jaġġusta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni, fejn neċessarju fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u sabiex iqis l-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data pprovduta b'reazzjoni għall-konsultazzjoni minn qabel;	(c) meta jkun japplika l-punt (b), jew meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, jaġġusta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni, fejn neċessarju fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data***, valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet tat-tfal tar-riskji ta' abbuż sesswali tat-tfal*** u sabiex iqis l-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data pprovduta b'reazzjoni għall-konsultazzjoni minn qabel;

Or. en

Emenda 939
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta jkun japplika l-punt (b), jew meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, jaġġusta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni, fejn neċessarju fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u sabiex iqis l-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data pprovduta b'reazzjoni għall-konsultazzjoni minn qabel;	(c) meta jkun japplika l-punt (b), jew meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, jaġġusta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni, fejn neċessarju fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u sabiex iqis ***bl-akbar attenzjoni*** l-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data pprovduta b'reazzjoni għall-konsultazzjoni minn qabel;

Or. en

Emenda 940
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jissottometti lil dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni l-pjan ta' implimentazzjoni, filwaqt li, fejn applikabbli, jehmeż l-opinjoni tal-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data u jispeċifika kif il-pjan ta' implimentazzjoni ġie aġġustat fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u ta' dik l-opinjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 941
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D

Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jissottometti lil dik l-Awtorità ***ta' Koordinazzjoni*** l-pjan ta' implimentazzjoni, filwaqt li***, fejn applikabbli,*** jehmeż l-opinjoni tal-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data u jispeċifika kif il-pjan ta' implimentazzjoni ġie aġġustat fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u ta' dik l-opinjoni.	(d) jissottometti lil dik l-awtorità ***ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li ddeżinjaha*** l-pjan ta' implimentazzjoni, filwaqt li jehmeż l-opinjoni tal-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data u jispeċifika kif il-pjan ta' implimentazzjoni ġie aġġustat fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u ta' dik l-opinjoni.

Or. en

Emenda 942
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jissottometti lil dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni l-pjan ta' implimentazzjoni, filwaqt li, fejn applikabbli, jehmeż l-opinjoni tal-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data u jispeċifika kif il-pjan ta' implimentazzjoni ġie aġġustat ***fid-dawl tal-eżitu*** tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u ta' dik l-opinjoni.	(d) jissottometti lil dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni l-pjan ta' implimentazzjoni, filwaqt li, fejn applikabbli, jehmeż l-opinjoni tal-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data u jispeċifika kif il-pjan ta' implimentazzjoni ġie aġġustat ***biex jitqies b'mod sħiħ l-eżitu*** tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u ta' dik l-opinjoni.

Or. en

Emenda 943
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, b'kunsiderazzjoni tail-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u tal-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4, hija għandha tissottometti t-talba għall-ħruġ tad-detezzjoni, aġġustata fejn xieraq, lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti. Għandha tehmeż il-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u l-opinjonijiet taċ-Ċentru tal-UE u tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data ma' dik it-talba.	***imħassar***

Or. en

Emenda 944
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, b'kunsiderazzjoni ***tail-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u*** tal-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4, hija għandha tissottometti t-talba għall-ħruġ tad-detezzjoni, aġġustata fejn xieraq, lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti***. Għandha tehmeż ***il-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u l-opinjonijiet taċ-Ċentru tal-UE u*** tal-awtorità għall-protezzjoni tad-data ma' dik it-talba.	Meta, b'kunsiderazzjoni tal-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4, hija għandha tissottometti t-talba għall-ħruġ tad-detezzjoni, aġġustata fejn xieraq, lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti. Għandha tehmeż ***l-opinjoni*** tal-awtorità għall-protezzjoni tad-data ma' dik it-talba.

Or. en

Emenda 945
Tiemo Wölken, René Repasi
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, b'kunsiderazzjoni ***tail-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u*** tal-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4, hija għandha tissottometti t-talba għall-ħruġ tad-detezzjoni, aġġustata fejn xieraq, lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti***. Għandha tehmeż il-pjan ta' implimentazzjoni ***tal-fornitur*** u ***l-opinjonijiet taċ-Ċentru tal-UE*** u tal-awtorità għall-protezzjoni tad-data ma' dik it-talba.	Meta, b'kunsiderazzjoni tal-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4, hija għandha tissottometti t-talba għall-ħruġ tad-detezzjoni, aġġustata fejn xieraq, lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti. Għandha tehmeż il-pjan ta' implimentazzjoni u ***l-opinjoni*** tal-awtorità għall-protezzjoni tad-data ma' dik it-talba.

Or. en

Emenda 946
Charlie Weimers, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, b'kunsiderazzjoni tail-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u tal-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li jkunu ġew issodisfati l-	Meta, b'kunsiderazzjoni tail-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u tal-opinjoni tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li jkunu ġew issodisfati l-

kundizzjonijiet tal-paragrafu 4, hija għandha tissottometti t-talba għall-ħruġ tad-detezzjoni, aġġustata fejn xieraq, lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew ***lill-awtorità amministrattiva indipendenti***. Għandha tehmeż il-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u l-opinjonijiet taċ-Ċentru tal-UE u tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data ma' dik it-talba.	kundizzjonijiet tal-paragrafu 4, hija għandha tissottometti t-talba għall-ħruġ tad-detezzjoni, aġġustata fejn xieraq, lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew ***lil qorti tal-ġustizzja***. Għandha tehmeż il-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u l-opinjonijiet taċ-Ċentru tal-UE u tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data ma' dik it-talba.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara li qorti tal-ġustizzja jeħtiġilha toħroġ l-ordni ta' detezzjoni.

Emenda 947
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, b'kunsiderazzjoni tal-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u ***tal-opinjoni*** tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni ***tibqa'*** tal-fehma li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4, hija għandha tissottometti t-talba għall-ħruġ tad-detezzjoni, aġġustata fejn xieraq, lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti***. Għandha tehmeż il-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u l-opinjonijiet taċ-Ċentru tal-UE u tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data ma' dik it-talba.	Meta, b'kunsiderazzjoni tal-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u ***b'attenzjoni kbira għall-opinjoni*** tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni ***hija*** tal-fehma li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4, hija għandha tissottometti t-talba għall-ħruġ tad-detezzjoni, aġġustata fejn xieraq, lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti. Għandha tehmeż il-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u l-opinjonijiet taċ-Ċentru tal-UE u tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data ma' dik it-talba.

Or. en

Emenda 948

Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandha toħroġ l-ordni ta' detezzjoni meta tqis li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	***imħassar***
(a) ikun hemm evidenza ta' riskju sinifikanti li s-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, skont it-tifsira tal-paragrafi 5, 6 u 7, kif applikabbli;	
(b) ir-raġunijiet għall-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni jisbqu l-konsegwenzi negattivi għad-drittijiet u għall-interessi leġittimi tal-partijiet kollha affettwati, meta titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali ta' dawk il-partijiet.	
Meta jiġi vvalutat jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu, għandhom jitqiesu l-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni, b'mod partikolari:	
(a) il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata u kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni meħuda mill-fornitur skont l-Artikoli 3 u 4, inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni introdotta, rieżaminata, sospiża jew estiża skont l-Artikolu 5(4) fejn applikabbli;	
(b) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali miksuba skont il-paragrafu 2 jew kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għalih, b'mod partikolari rigward l-użu, id-disinn u l-operat tas-servizz, fir-rigward tal-kapaċitajiet u tad-daqs finanzjarji u teknoloġiċi tal-fornitur u fir-rigward tal-konsegwenzi potenzjali tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex	

tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni għall-partijiet l-oħrajn kollha affettwati;

(c) il-fehmiet u l-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur ippreżentati f'konformità mal-paragrafu 3;

(d) l-opinjonijiet taċ-Ċentru tal-UE u tal-awtorità tal-protezzjoni tad-data ppreżentati f'konformità mal-paragrafu 3.

Fir-rigward tat-tieni subparagrafu, il-punt (d), meta dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tiddevja sostanzjalment mill-opinjoni taċ-Ċentru tal-UE, hija għandha tinforma liċ-Ċentru tal-UE u lill-Kummissjoni b'dan, filwaqt li tispeċifika l-punti li fihom tkun iddevjat u r-raġunijiet ewlenin għad-devjazzjoni.

Or. en

Emenda 949
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandha toħroġ l-ordni ta' detezzjoni meta tqis li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	***imħassar***
(a) ikun hemm evidenza ta' riskju sinifikanti li s-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, skont it-tifsira tal-paragrafi 5, 6 u 7, kif applikabbli;	
(b) ir-raġunijiet għall-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni jisbqu l-konsegwenzi negattivi għad-drittijiet u għall-interessi leġittimi tal-partijiet kollha affettwati, meta titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali	

ta' dawk il-partijiet.

Or. en

Emenda 950
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** għandha toħroġ l-ordni ta' detezzjoni meta tqis li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha toħroġ l-ordni ta' detezzjoni meta tqis li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 951
Maite Pagazaurtundúa, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** għandha toħroġ l-ordni ta' detezzjoni meta tqis li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha toħroġ l-ordni ta' detezzjoni meta tqis li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 952
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D

Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ ***tal-ordni*** ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** għandha toħroġ ***l-ordni*** ta' detezzjoni meta tqis li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ ***tal-mandat*** ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha toħroġ ***il-mandat*** ta' detezzjoni meta tqis li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 953
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** għandha toħroġ l-ordni ta' detezzjoni ***meta tqis li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:***	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni ***mmirata***, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha toħroġ l-ordni ta' detezzjoni ***mmirata f'konformità mal-istandard legali applikabbli għall-evidenza fil-liġi kriminali.***

Or. en